# Mis-Sillabu

RIVISTA GĦALL-ISTUDENTI TAL-MATRIKOLA

Volum 1 Numru 5

## IR-RUMANZ "SAN ĠWANN" TAGĦRIF ĠDID FUQ ĠAN ANTON VASSALLO

## JOHN F. MARKS: KITTIEB IMPORTANTI IMMA MHUX MAGĦRUF TA' ŻMIEN ELLUL-MERCER

## POEŻIJI ĠODDA TA' PHILIP SCIBERRAS

## KORS FL-GĦARBI MILL-BIDU NETT GĦAL-LIVELL ORDINARJU

peg Publications

PUBBLIKAZZJONI TAL-PUBLISHERS ENTERPRISES GROUP (PEG) LTD.

25ċ

# Mis-Sillabu

**Volum 1 Numru 5**

Pubblikat mill-Publishers Enterprises Group (PEG) Ltd,
Triq Herbert Ganado,
Il-Ħamrun, Malta.



© 1985 P.E.G. Ltd.
® Dritt Letterarju tal kittieba

Il-jeddijiet kollha miżmuma. L-ebda silta ma tista' tkun ippubblikata jew maħruġa b'xi mod jew ieħor fotostatiku, elettroniku, mekkaniku, irrekordjat mingħajr il-permess bil-miktub tal-Publishers Enterprises Group (PEG) Ltd.



Phototypeset mill-Comprint Ltd, Il-Ħamrun
Mitbugħ mill-Imprint Ltd, Ħal Qormi



## Bord Editorjali

Ġorġ Mifsud (*Editur*)
Mario Azzopardi (*Sub-Editur*)

*Konsulenti* J.M. Brincat
Geth Massud
Paul Xuereb


## Il-Kittieba

Mario Azzopardi
Ġużè Cassar Pullicino
Ġużè Diacono
George Doublesin
Ġorġ Mifsud
Marlene Mifsud
Tarċisju Zarb
Alfred Zerafa

## X'FIH


**Xi Fehmiet Politiċi ta' Dun Karm**
*Mario Azzopardi* 89
**"San Ġwann": Rumanz Storiku**
*Ġużè Diacono* 92
**Għanja ta' Xbejba Finlandiża – Sejba Esklussiva dwar Ġan Anton Vassallo**
*Ġużè Cassar Pullicino* 93
**Komponiment Mudell: Is-sena 2000**
*Marlene Mifsud* 95
**Soċjo-Realisti madwar Ellul Mercer (1) – J F Marks**
*Mario Azzopardi u Ġorġ Mifsud* 96
**Semantika (5) – Żvilupp fis-Sens: (2) Trasferiment Metaforiku**
*George Doublesin* 98
**Linji Ġodda: Poeżija ta' Tensjoni**
*Tarċisju Żarb* 99
**Pass Pass għal-Livell Ordinarju**
*Alfred Zerafa* 104

خطوةً خطوةً إلى المستوى العادي بقلم الفريد زرافا

**Mingħand il-Qarrejja** Kopertina
**Philip Sciberras – L-Ironija tal-Mandala** *Mario Azzopardi* Fuq Wara


### *L-EDITORJAL*

Il-kritiku letterarju għandu bosta problemi madwaru u fih innifsu. L-ewwel u qabel kollox irid jaċċetta l-fraġilità u l-limitazzjoni umana li daqskemm qiegħda f'ħaddieħor qiegħda wkoll fih. Kritiku li m'hux lest jaċċetta l-kritika fuq il-kritika tiegħu mhux kritiku tajjeb, anzi lanqas jistħoqqlu aqqal ismu.

It-tieni, il-kritiku, l-aktar f'pajjiż żgħir u limitat bħal Malta, ma għandux għalfejn jiggosta l-monopolju letterarju tiegħu, anzi bl-eżempju tiegħu għandu jkun l-ewwel wieħed li jkissru u li jinsisti li jitkisser. Veru li xi ħadd irid ikun li jagħmel l-iskoperta, imma jekk il-kritiku ma jasalx għaliha hu, hemm bżonn, *ta' l-anqas*, li jġerragħ l-eżistenza ta' min sabha qablu. Il-bsaten fir-roti ma rriduhomx. Biżżejjed kellna minnhom! U la għira, u la tagħjir, u la nuqqas ta' għajnuna u lanqas insinwazzjonijiet ta' kull xorta. U dawn l-aktar li ġew minn dawk li jħobbu jippoppaw żaqqhom quddiem l-injurant u quddiem min ma jkunx infurmat bħala d-difensuri tal-Malti, u mbagħad minn taħt 'il taħt iridu jeqirdu l-iċken inizjattiva f'waqtha – flok ma jaqbdu l-pinna b'idejhom u jippruvaw jagħmlu xi ħaġa aħjar minna. Il-kompetizzjoni ġid tagħmel, mhux deni. Min jibża' minnha għax għandu l-faħam miblul. Min ibeżża' 'l ħaddieħor biha u jhedded lill-imsejken li jħallilu xogħlu fuq l-ixkaffa jkun qed jidneb kontra l-kultura nazzjonali. Min jibla' dan it-theddid ikun qed jinqered hu u jeqred lil sħabu l-kittieba.

It-tielet, illum żmien l-inkuraġġiment. Il-kittieba naqsu f'Malta. Il-kritiku f'sensih ikun dak li jqawwi l-qalb liż-żgħar u 'l sħabu, anki akkost tas-sagrifiċċju personali. Għax jaf li żmienu huwa qasir u li ma jistax igħid kollox għax ma jafx kollox u ma jistax ikun jaf kollox. F'dan is-sens ukoll il-monopolju fl-interpretazzjoni letterarja jagħmel ħażin. Barra minn Malta hemm awturi stabbiliti, bħal Ezra Pound, li sabu min jirrivalutahom – mhux bi tmaqdir, imma b'oġġettività letterarja. Għax iż-żmien jagħtina l-parir. Imma jkun il-kritiku li jrid jagħraf jagħżlu hu dan il-parir! Lil Dr. Oliver Friggieri nammirawh talli stqarr fl-Università li jrid jirrivaluta bis-serjetà, kif fil-fatt għamel, lil ċerti kittieba Maltin. Bl-istess skop kont l-ewwel wieħed jien li nkuraġġejt lil Mario Azzopardi bl-istudji tiegħu fuq il-personalità ta' Dun Karm u li qed jidhru fir-rivista tagħna. Il-Pubblikaturi tagħna fehmu bħali li *Mis-Sillabu* ma tridx tkun rivista passiva imma t-tokk tad-diskussjoni għal min irid jiftaħha bis-serjetà u jidħol għaliha bis-serjetà. Lil dawk il-qarrejja u lil dawk il-kittieba tal-Malti li ma jaqblux ma' Mario Azzopardi nistidnuhom jiktbulna l-kummenti u l-kritika tagħhom.

Ir-rivista tagħna nafu li qed tkun suċċess, mhux biss mill-bejgħ kbir tagħha imma mill-ittri wkoll li waslulna ta' bosta studenti li qalulna li hemm għalliema tal-Malti li qed jiddettawlhom il-kitbiet ta' *Mis-Sillabu* fil-klassi kelma b'kelma bħala noti!

Ir-raba' problema: il-kritiku serju għandu jagħraf l-awtentiċità, fejn tkun, ta' l-interpretazzjonijiet ta' ħaddieħor, anki jekk hu stess ikollu jirrevedi l-fehmiet li ppubblika qabel.

Kien minħabba f'hekk li f'din il-ħarġa qed nissoktaw bil-kitba ta' Azzopardi fuq Dun Karm, bis-sensiela interessanti ta' George Doublesin fuq is-Semantika, b'komponiment mudell ta' Marlene Mifsud, bil-kitba ta' Tarċisju Zarb fuq *Linji Ġodda*, bl-ewwel silta mill-istudju ta' Ġużè Diacono fuq ir-rumanz *San Ġwann* ta' Ġużè Galea, bil-kritika minn Mario Azzopardi tal-ktieb ġdid ta' poeżija *Mandala* ta' Philip Sciberras, imma fuq kollox bi tliet kontribuzzjonijiet tabilħaqq oriġinali: 1. tagħrif ġdid fuq Ġan Anton Vassallo dwar traduzzjoni ta' poeżija Finlandiża, kitba ta' Ġużè Cassar Pullicino; 2. tagħrif u kummenti bijografiċi li qatt ma dehru qabel fuq John F. Marks, li għandu importanza letterarja u soċjali għall-istudenti tal-Livell Ordinarju u tal-Livell Avvanzat minħabba r-rumanz *Leli ta' Ħaż-Żgħir* ta' Ellul Mercer u r-rumanz *Nirien* ta' Chetcuti; u 3. kors ġdid fit-tagħlim ta' l-Għarbi minn Alfred Zerafa u li għad iwassalna sal-Livell Ordinarju ta' l-Għarbi.


# Mis-Sillabu

**Maħruġ l-ewwel darba f'Settembru, 1984**

**Abbonamenti u ħarġiet ta' qabel mingħand**
P.E.G. Book Centre,
Savoy Shopping Arcade,
Il-Belt Valletta. Tel: 621229



# XI FEHMIET POLITIĊI TA' DUN KARM

Minn
Mario Azzopardi



Fil-bijografija ta' Ġużè Cardona dwar Dun Karm (Edizzjoni KKM, 1972) ir-referenzi għall-fehmiet politiċi tal-poeta qatt m'huma determinanti biżżejjed biex wieħed jifforma opinjoni deċisiva. Jidher li Psaila kien ammiratur ta' Fortunato Mizzi[1] li f'għajnejn il-poeta kien jidher "un uomo sincero" ittradut mis-segwaċi tiegħu. Mizzi sata' ħalla impressjonijiet bikrin fuq Dun Karm, l-aktar minħabba l-impenn inekwivoku tal-politikant favur il-lingwa Taljana: lura fl-1898, Mizzi kien ippropona abbozz ta' Ordinanza dwar il-ħtieġa illi l-ilsien Taljan ikun il-lingwa tal-komunikazzjoni f'kull sistema ta' edukazzjoni pubblika f'Malta.[2] Min-naħa l-oħra, Psaila kien jara l-ħtieġa ta' implimentazzjoni ta' miżuri li jwettqu t-tixrid ta' l-Ingliż bħala l-lingwa imperjali.[3]

Jidher ukoll li Psaila kien jifhem illi l-Partit ta' Mons. I. Panzavecchia, li rebaħ l-elezzjonijiet għal-Leġislatura 1921–24, kien il-partit tal-moderati, iffurmat minn membri tal-korp professjonista Malti, li kellu tendenzi kulturali Taljani bi spirtu ta' ħbiberija ma' l-Awtorijiet Imperjali:

> *"Naħsbu li din il-ħabta Dun Karm kien ixaqleb mal-Partit ta' l-Unione Politica Maltese, għax ħajtu u kitbietu jagħtu xhieda ta' dawn iż-żewġ prinċipji sisien tal-partit u ta' twemmin – qrubija kulturali mat-Taljan u ħbiberija politika ma' l-Ingilterra."*[4]

Matul l-Irvellijiet tas-7 ta' Ġunju, 1919,[5] episodju li ma jidħol imkien fil wirt letterarju ta' Psaila, Mons. Panzavecchia, bħala President tal-*Comitato Patriottico*, kien iċċirkola manifest f'għamla ta' appell, *Poplu Malti Ismagħni*, biex iberred lill-ħaddiema li kissru d-djar tan-negozjanti, ħarqu l-uffiċċji tad-*Daily Malta Chronicle*, qattgħu l-"Union Jack" u ħarquha quddiem l-istazzjon metereoloġiku tal-Belt. Fost ħwejjeġ oħra, Panzavecchia appella lill-ħaddiem Malti:

> *Għaldaqstant f'isem Ġesù Kristu u tal-maħbuba Patrija tagħna, nirrikkmandalek li traqqad il-ħruxija tiegħek u twaqqaf il-ħsarat li minnhom int issofri iżjed.*[6]

It-ton reazzjonarju ta' l-appell joffri kuntrast ma' silta iżolata iżda importanti li Cardona ġabar mill-korrispondenza privata ta' Dun Karm lil K. Micallef Buhagiar; fost oħrajn, il-poeta stqarrilha li (l-imħabba għall-pajjiż) "fil-fatti m'għandhiex tkun meqjusa, għandha tagħmel kull sagrifiċċju, meta dan ikun meħtieġ, saħansitra s-sagrifiċċju tal-ħajja".[7] Il-fatti juru li Psaila rawwem debbolezza ta' kuxjenza kritika[8] mbiegħda mill-impenn attwali; l-attitudni tiegħu dwar il-qagħda politika ta' Malta kienet waħda libreska. In-nazzjonaliżmu poetiku kien milqugħ bħala l-mottiv aspiranti tal-patrija b'termini ċelebrattivi minflok djalettiċi. Fil-kumpless psikoloġiku tal-personalità Dunkarmjana, ir-referenza għas-"sagrifiċċju tal-ħajja" titlob kwalifika metaforika; l-attitudnijiet privileġġati[9] tiegħu fil-viżjoni poeta-poplu utilizzaw letteratura kuntrarja għall-massifikazzjoni li tikkontesta u tirribella.

L-istint personali preservattiv jidher li ma ħalliex lil Dun Karm jilqa' l-intervent polemiku; bħala l-akkademiku li sab ruħu interzjat fil-programm tar-regoli burokratiċi tar-reġim kolonjali u bħala saċerdot li eskluda direzzjonijiet frontali favur l-iżvilupp tas-sottoproletarjat, huwa fehem li postu "mhux fl-arena politika"[10] u ma kellux jiftaħ ħalqu.



**Tliet Maltin li fetħu għajnejn il-ħaddiema kontra l-privileġġi tal-klassi. Mix-xellug għal-lemin: Giacinto Tua, M.A. Borg u Ċensu Bugeja, meqjusin fi żmienhom bħala "estremisti perikolużi".**

Psaila huwa mbiegħed mill-aġitazzjoni tal-klassi tal-ħaddiema, sintomu li sata' jitfisser perikoluż minħabba ċ-ċirkolazzjoni ta' propaganda antibolxevista wara r-Rivoluzzjoni Russa fl-1917. F'Malta ta' żmien l-irvellijiet ta' Ġunju, il-qgħad kien kroniku, l-Ammiraljat kien iddeċieda li jnaqqas l-impjiegi tal-Maltin minn 4,600 għal 1,200, il-ħobż kellu taxxa qawwija, il-pagi kienu baxxi u l-ħajja kienet baqgħet togħla, filwaqt li fit-tarzna kien hemm klima ta' ansjetà, imkebbsa minn artikli offensivi minn banda u oħrajn vjolenti fl-istampa anti-imperjalista.

Il-Kostituzzjoni tal-1921, it-tema ta' poema ċelebrattiva fi Psaila, irriżultat li kienet esperiment li ħaddem l-Uffiċċju Kolonjali favur l-interessi ta' l-Ingilterra:

*"... it was necessary to temper recognition of local aspirations for self-government with the safeguarding of wider imperial interests".*[11]

Il-"materji ta' riserva" imposti mill-Gvern Kolonjali kienu jimpedixxu lill-Gvern lokali milli jagħżel direzzjonijiet ta' kummerċ barra l-pajjiż; l-importazzjoni kollha għas-servizzi imperjali kienet eżentata mit-taxxa; il-valuta monetarja kienet taqa' taħt il-Kuruna, l-istess bħall-immigrazzjoni u n-nazzjonalità, filwaqt li kull trattat ma' artijiet barranin setgħu jagħmluh biss l-Ingliżi.

Psaila huwa mbiegħed ukoll mill-kawżi l-aktar veri u imminenti tal-klassi tal-ħaddiema; m'hemm l-ebda indikazzjoni fil-bijografija tiegħu li titfa' dawl fuq xi qrubija li sata' kien hemm bejnu u bejn il-viżjoni ta' partit tal-ħaddiema. Il-moviment magħruf bħala *La Camera del Lavoro*[12] tnissel minn fondazzjoni sindakali u ħaddan fih nies bħal Salvu Astarita, Giacinto Tua u Mikelanġ Borg, li minbarra li rabat il-kelma "Soċjaliżmu" ma' l-enċiklika *Rerum Novarum* ta' Ljun XIII, ħoloq teatru bil-vernakular ibbażat fuq parodiji soċjali[13] li niżżlu l-modi tal-borgeżija ta' żmienu għall-kritika popolareska, minbarra "pochades" politiċi bħal *Id-Deputat tal Parlament* jew *Il Cunsilier tal Poplu* (1921).

Manifesti bħal dak tal-1921, imsejjaħ *L-Union u L-Għamil Politiku Tagħha*,[14] u maħruġ qabel l-elezzjonijiet ġenerali, bdew isejħu lill-ħaddiema biex ma jivvutawx għal min iħaddimhom; bdew isiru appelli biex il-"ħaddiema jirrealizzaw id-distinzjoni klassista li hemm bejnhom u oħrajn privileġġati, eżorċitazzjonijiet li sata' kellhom ton perikoluż u immorali fil-qisien ċivili ta' Dun Karm. Għalkemm il-każini Laburisti li bdew jinfetħu 'l hawn u 'l hinn urew ritratti promimenti tal-Papa Ljun XIII, il-kitba soċjalista ta' "estremisti" bħal Tua, Borg, Willie Arena u Ċensu Bugeja bdiet tinkwieta lill-Knisja (u, b'implikazzjoni naturali, lill-Gvern Kolonjali) – strateġija li setgħet kompliet iżolat lil Dun Karm minħabba l-"imprudenza" tagħha mfissra b'letteratura li widdbet dwar id-depotiżmu klassista:

*Il-ħaddiema Maltin jerġgħu jaqgħu f'idejn il-klassi dominanti ta' dari, u bħal dari jibqgħu mgħakksin, imfarrka, u miżmumin fl-injuranza, ħalli s-sinjuri jkunu jistgħu jisfruttawhom kif iridu.*[15]

Għalkemm l-ewwel Laburisti għamlu kemm felħu biex ifiehmu li l-politika tagħhom la kienet antiklerikali u lanqas Komunista, membri tal-Kleru, fosthom il-Kanonku C. Bugelli, Dun L. Attard u Dun Antonio Tonna Barthet bdew kampanja sistematika kontra "iż-żerriegħa l-ħażina tas-Soċjaliżmu".[16] Bdew jikkumbattu l-ideat ta' l-industrijalizzazzjoni[17] u s-sussidji lill-iskejjel tal-Knisja biex ulied il-fqar jirċievu edukazzjoni bħal ulied is-sinjuri, fehmiet imxandrin f'*Il-Ħmar* u *Il Cotra*. Wieħed irid igħid ukoll illi kemm il-*Partito Democratico Nazionalista* kif ukoll il-*Constitutional Party* kienu lesti li jidħlu bil-fors f'koalizzjoni mal-Laburisti. Laburisti bħal Ġ. Bencini u Arena kellhom ukoll affinità man-Nazzjonaliżmu ta' Fortunato Mizzi, jew it-teżi tar-rabta "fid-demm"[18] bejn il-Maltin u t-Taljani; iżda Arena kien saħaq ukoll dwar "il-ħolma sabiħa" li Malta tinqata' mill-Ingilterra biex takkwista "indipendenza" internazzjonali.[19]

Għal xi ħadd bħal Dun Karm, dawn setgħu jidhru teoriji irrazzjonali jekk mhux ukoll perikolużi. Deher li kien lest li jiddikjara l-konsumiżmu nazzjonali ma' l-akkwist tal-"poteri" lingwistiċi mingħajr ma jippenetra s-sottokurrenti ta' l-istasi kolonjali ta' Malta.[20] Wieħed irid iżid minnufih kemm tirkaċċja fi Psaila d-determinazzjoni li jsegwi l-kuxjenza tiegħu b'riżq il-funzjoni tal-letteratura bil-Malti, attività li fl-intellett tal-poeta żviluppat bħala preċettistika għall-identità tal-Maltin bħala ġens, imqar jekk jeżisti fit-tapezzerija tad-destin li jordna ħajja dominata. Mill-kurrenti letterarji tan-nazzjonaliżmu Taljan mis-seklu 19, Dun Karm wettaq il-missjoni tal-letterat kolt li għadda lil ilsienu mill-vernakular tal-versi popolari ta' Ġ.A. Vassallo (1817–1868), R. Taylor (1818–1868) u L. Mifsud Tommasi (1795c–1879), fost oħrajn, għat-trawwim ta' kitba merfugħa li sabet xorti kbira fil-verslibriżmu matur tiegħu fis-Snin Tletin.

Dun Karm sata' jirrappreżenta lis-sudditu li jaħseb li l-indipendenza internazzjonali ta' Malta hija fantasija[21] awdaċi biss; jista' jidher ukoll bħala ċ-ċittadin imperjali li jemmen illi l-bipartitiżmu[22] jista' jintlemaħ bħala nonpartitiżmu, attitudni li tixref spiss fil-mentalità kkondizzjonata kolonjalista. Din il-pożizzjoni tista' ssib egħruqha f'kumplessi fondi ta' timidezza, biża', solitudni emarġinata jew il-ħtieġa bażika tas-sopravivenza. Bħala effetti ta' dawn il-kondizzjonijiet titnissel il-bruda fis-sens politiċizzat tal-kelma, l-inerzja li jista' jkollha korrispondenza filosofika f'termini aktar virtużi: *paċenzja, moderazzjoni, kontroll, ekwilibriju, umiltà, devozzjoni*, fost oħrajn. Meta Dun Karm tbiegħed mill-awtonomija tal-ħaddiema kif imxandra mill-pijunieri tal-Laburiżmu "soċjalista", kien meħtieġ għalih li jsib post bħala "spettatur" fil-konfront bejn il-fazzjonijiet Taljani u dawk Ingliżi. In-nazzjonaliżmu tiegħu, kodifikat biss permezz ta' l-eżerċizzju lingwistiku, intlaqa' b'aġevolezza mill-Ingilterra li, bħal imperi oħra, ippreferiet il-kompromess kollettiv filwaqt li qerdet l-impulsi aggressivi ta' erwieħ bħal Dimech, li l-partikolariżmu tiegħu sata' jwassal għall-qawmien vjolenti.

L-istess bħalma ġara fl-Indja, l-għarfien tal-lingwa nattiva f'Malta sata' wera li l-Gvern kolonjali kien qiegħed jaġixxi favur il-kuxjenza awtonoma tal-mexxejja tal-Maltin. Dun Karm jidher li emmen hekk ukoll u fi wħud mill-poeżiji tiegħu ssottolinea l-preferenza tiegħu lejn il-kolonjaliżmu Ingliż[23] u

rrelega (bla ma ċaħad) il-formazzjoni Latina fl-iskala inferjuri, filwaqt li qies ukoll li Malta Kattolika setgħet tkompli tokkupa f'moħħu l-post tal-preċedenza mingħajr l-interferenzi reliġjużi tal-ħakkiema. Dal-mod ta' għajxien jidher wieħed prattiku, iżda huwa konsonanti wkoll ma' turija ta' impotenza intellettwali, fis-sens li din l-attitudni vulnerabbli qatt ma setgħet tara l-ħelsien assolut nazzjonali ħlief bħala "ħolma irreali li ma tistax titwettaq".

Għal Psaila l-aħbar vjolenti minn kolonji oħra kienet dejjem preokkupanti. L-istraġijiet li l-invażuri Taljani u Franċiżi fl-Afrika u l-Ġermaniżi fil-Greċja setgħu kienu biżżejjed biex Dun Karm jopponi kull kontro-riforma li thedded il-protezzjoni ta' "wens u ġieh"[24] li l-Ingilterra kienet qed tagħti lil Malta. Diversi kontemporanji ta' Dun Karm bħal Aquilina, Diacono u J.P. Vassallo[25] jaqblu ma' Cardona li taħt l-Ingliżi Dun Karm, "bħala bniedem solitarju kien iħossu protett"; kien jemmen fil-ġentlomerija Brittanika u li l-Ingliżi "ma kinux jindaħlu fir-reliġjon", li għal Dun Karm "kienet il-kwalità fundamentali ta' kollox". Diacono jikkwota lil Aquilina: "Dun Karm kien *definitely an anglophile*", pożizzjoni li tista' tibda tidher bħala waħda skomda jekk il-poeta ser jibqa' jidher mhux biss bħala s-sostenitur tal-kult ta' l-ilsien nazzjonali iżda fid-dehra iktar kumplessiva ta' x'inhuma t-termini awtentiċi li bihom tinħoloq il-viżjoni demokratika popolari li tħelles lin-nazzjon djalettikament.

Psaila kien jemmen li jekk titlaq minn Malta l-Ingilterra, okkupaturi oħra setgħu jġiegħlu lill-Maltin "isofru anki t-torturi". L-implikazzjoni turi aċċettazzjoni siekta, anzi politikament grata, li telabora ruħha fid-dokumentazzjoni tad-drawwiet tal-poplu, bil-primittività idealizzata tiegħu u l-epika remota mxettla f'episodji li, fl-aħħar mill-aħħar, kienet l-epika ta' ħaddieħor, ta' l-Ewropej li okkupaw lil Malta bħala fortizza. Kull min fl-imgħoddi kejjel l-awtobijografija reali tal-poplu, priv u patetiku, safa maqtul jew eżiljat.

L-apoloġija kolonjalista f'Dun Karm hija konsegwenza ta' diversi elementi jaħdmu fl-istess waqt, għalkemm dawn l-aġenti kollha jwasslu għall-ħerqa kattolika tiegħu, dmir li jinħass omnipreżenti fix-xogħol tal-poeta. Din l-esiġenza ġejja wkoll mis-sudditanza tal-poeta lejn Ruma, li fi żmienu saret emblema imponenti ta' imperjaliżmu[26] ieħor duwalizzat bejn l-Istat tal-Vatikan u l-Istat ta' Mussolini. Fl-opra Dunkarmjana Ruma qatt ma titlef is-suffiċjenza tagħha; paradossalment, il-kontro-riformiżmu kattoliku f'Dun Karm huwa mseddaq bil-kondizzjoni formalistika tiegħu tal-ħidma bla heda fil-qafas tal-kultura tal-moralità ideoloġika u neo-klassika Taljana, b'tendenzi ċari ta' nebha mill-koreografija vjolenti tar-Risorġiment.

Il-lealtajiet imxerrdin ta' Psaila, imqar fuq il-livell soċjo-letterarju, għandhom ikunu materja ta' stħarriġ biex il-kritiku jifhem għaliex l-animazzjoni poetika ta' Psaila tibqa' deskrittiva biss. Il-konservatiżmu tiegħu lanqas ma jista' jitqiegħed f'konċezzjoni partikolari għaliex imqar il-mottiv lingwistiku f'Dun Karm joffri kontrapunti politikament ambigwi: Friggieri, il-kritiku li l-aktar li ħeġġeġ dwar il-patrijottiżmu "demokratizzat" ta' Psaila, innota li l-kitba bil-Malti għal Dun Karm kellha tfisser, fost oħrajn, il-konservazzjoni ta' l-identità Taljana addattata għal ħtiġijiet ambjentali.[27]

**MARIO AZZOPARDI**

## NOTI

1. Ġ. Cardona, *op. cit.*, p. 38.
2. A.V. Laferla, *British Malta*, Vol. II (Malta, 1947), p. 144.
3. Ġ. Cardona, *op. cit.*, p. 39.
4. *Ibid.*, p. 41.
5. *Cfr.* H. Frendo, *Ir-Rivoluzzjoni tal-1919*, Malta, n.d.; Ġ. Ellul Mercer, *Il-Martirju ta' Poplu*, SKS, Malta, 1982, pp. 39–46; R. Borg, *The Maltese Worker (1919–1939)*, Teżi, Univ. ta' Malta, n.d., passim.



**Il-ħefa fi żmien Dun Karm: aċċettazzjoni siekta.**

6. Kumm. Pulizija lill-Gvernatur, 20/11/1919, Ark. Palazz, Valletta, il-manifest ta' Panzavecchia mehmuż; *cfr.* R. Borg, *ibid.*, p. 8.
7. Ġ. Cardona, *op. cit.*, pp. 222–3.
8. Psaila ġie li widdeb lill-poplu moralment minħabba t-taħsir materjali, ċensura li tkompli turi lill-poeta impenjat bi dmir puritaniku reliġjuż u astjenista li ma satax, fl-aħħar mill-aħħar, jinkonkorda wisq mal-ħtiġijiet ta' Malta l-progress ekonomiku u kostituzzjonali.
9. Ta' min jinnota illi Dun Karm kien fisser lil Ġ. Aquilina li fi żmien il-gwerra "ġie li batejt il-ġuħ". Cardona (*op. cit.*, p. 107) jimmodifika din l-istqarrija hekk: "Bata l-ġuħ tfisser fil-fehma tagħna li ma sabx dak li ried, it-tiġieġ u l-laħam li kien imdorri jiekol minħabba l-menù li kien dara snin qabel".
10. Ġ. Cardona, *ibid.*, pp. 116, 121.
11. Dok. tal-Uffiċċju Kolonjali 14/4/1931, ċitat minn R. Borg, *op. cit.*, p. 20.
12. *Cfr.* H. Frendo, *Party Politics in a Fortress Colony*, supra, p. 185; R. Borg, *op. cit.*, passim.
13. It twaqqif tal-kumpanija teatrali *Indipendenza* fl-1884 nissel attività kulturali qawwija li xerrdet l-arti drammatika fl-irħula u l-ibliet. Il-kumpanija kienet tuża sistema appellativa punġenti biex tiġbed lill-folol; l-avviżi għall-avvenimenti teatrali kienu, fihom infushom, eżerċizzji ta' parodija u kritika soċjali, bħal din is-silta ta' l-1922:

*Culhadt jaf taht il-gvern l'iehor,*
*Dak il gvern tat-tirannija,*
*Chemm sofrejna ingiustizi,*
*Sakemm giet l'Autonomija.*

Drabi oħra kienu jinkitbu avviżi bi premessa kulturali biex il-poplu "jqum min-ngħas" jekk il-Maltin ma jridux li 'l quddiem "jindmu" u jiġu f'ilsien uliedhom stess.*Cfr. Gheluk il 50 Sena (1884–1934) Tifchiriet u Grajja Duar it-Tuelid, il Hajja, l'agunija tal Cumpannija Filodrammatica Maltija "L'Indipendenza", Migbura u Minsuga Flimchien min M.A. Borg*, tipografia Nazionale, Valletta, 1934, passim.

14. Artiklu tat-trejdunjonista E. Valenzja f'*Il-Ħmar*, 15/7/1921; għal sintesi ta' l-attività sindakali marbuta ma' l-ideoloġija tal-Partit tal-Ħaddiema *cfr.* R. Borg, *op. cit*, pp. 23–34; Ġ. Bonnici, *Storja tal-Partit tal-Ħaddiema*, Malta, 1932; J. Fino, *B'Riħet L-Għaqda*, Union Press, Malta, 1983, pp. 22–5.
15. R. Borg, *op. cit.*, p. 27, silta mid-Dok. ta' l-Uffiċċju Kolonjali, Londra, kartavolanti bil-Malti ta' Ċ. Bugeja, 1930.

• ikompli wara

**ERRATA**

Fl-artiklu ta' M. Azzopardi, *Dun Karm, Sfond għall-Qagħda Politika* (*Mis-Sillabu* Vol. 1, N. 4), it-tieni sentenza trid tinqara hekk:

"Għall-Gvern Imperjali, is-sentimenti provinċjali u *l-aċċettazzjoni ta' prinċipji latifondisti*, flimkien mad-dispożizzjoni bukolika ta' letterat magħruf, saċerdot imlaħħaq li ried jinkoraġġixxi innu romantiku bil-vernakular, kienu assigurazzjonijiet ta' ħakma mingħajr tfixkil."

Il-Bord Editorjali jiskuża ruħu għat-tħollija barra tal-kliem li hawn fuq qed jidher bil-korsiv.

### XI FEHMIET POLITIĊI TA' DUN KARM (NOTI)

16. F'waħda mill-*Konferenzi Fuq il-Ħaddiema* (1921) Attard ikkwota fit-tul minn kitba ta' l-Abbati Franċiż B. de Saint-Pierre, teorista soċjali Franċiż li ħa l-formazzjoni tiegħu mingħand il-Ġiżwiti bejn l-1687–94: "Poor worker! You are disconsolate because you have to work from day to day in order to earn a mouthful of dry bread. But my son, hear what I have to tell you; in nature, there are mountains as well as valleys. From the mountains run down streams that pour life and riches upon countries. Well, it thus happens with men; there must be valleys; and the valleys of life are the workers ... Be joyful therefore, oh worker! You are the valleys of society; the rich man is the mountain, but know ye, the valley must necessarily rest under, and never upon, the mountain". Cfr. R. Borg, *ibid.*, p. 31. Din is-silta tista' titqabbel ma' siltiet mill-opra ta' Psaila fejn il-ħaddiem huwa mistieden ibaxxi rasu f'att Kristjan, jinsa t-toqol ta' salibu u jaħdem biex fuq wiċċu *"l-għaraq jixraq/Bħal djamanti f'ras sultan"*: cfr. "L-Innu tal-Ħaddiema", vv. 11–12.

17. Cfr., ngħidu aħna, G. Micallef Gozzi f'*Malta Tagħna*, 25/6/1921: "... Il-ħaddiema hemm bżonn iqimu lil min iħaddimhom ... min iħaddimna jixraqlu rispett. Intom O ħaddiema, li Malta qed tħares lejkom, araw ftit il-ħaddiema Ġermaniżi x'sagrifiċċji qegħdin jagħmlu biex jifdu 'l pajjiżhom, nitgħallmu minnhom, nieħdu paċenzja u min igħidilkom biex titolbu u tagħmlu liġijiet esaġerati għidulu inti trid il-ħsara tagħna u ta' wliedna, trid ir-rovina ta' Malta, inti brikkun viljakk u xewwiex".

18. H. Frendo, *op. cit.*, p. 185.

19. *Ibid.*, p. 186.

20. Il-ħsieb ta' din il-viżjoni statika huwa ġeneralment moħbi bis-saħħa ta' aggrandiment trijonfali kif jidher minnufih fl-argument fil-poeżija li tfakkar l-għoti tal-Kostituzzjoni tal-1921; il-lessiku joħloq dimensjoni epika: *xefaq sabiħ, mewġa ta' demm ġdid, il-fewġa tal-ħelsien, ħajja oħra, ljuni qalbiena, il-mixja rebbieħa*, fost oħrajn. Il-bandiera Maltija tinbidel f'simbolu iehor romantiku u sagru li jagħti stima lill-ġens. Dan is-siġill poetiku, madankollu, huwa mbiegħed wisq mill-maturazzjoni demokratika li tinkorpora l-ugwaljanza dinjituża li għandha tmiss lill-poplu kollu, u dan fid-dawl illi l-Kostituzzjoni tal-1921 kompliet iddiskriminat kontra l-mases tal-ħaddiema li Friggieri ddistingwiehom bħala l-"umli manzjonjani" (*Dun Karm, Ed. Krit.*, KKM, Malta, 1980, p. 8) fl-opra Dunkarmjana. Meta jitqies ukoll il-kurrent kolonjalista li hemm jiġri fil-Kostituzzjoni msemmija, id-definizzjoni ta' nazzjon, imqanqla minn sentimenti romantiċizzati b'kollaborazzjoni mal-fehma ta' wetqa Divina ssir waħda arretrata. Hemm tendenza kompjaċenti li telabora biss dwar dak li jidher, mingħajr ma tinvestiga l-*humus* ta' veritajiet oħra popolari. Il-kollokazzjoni nazzjonali-popolari tieħu bixra kronistika u d-definizzjoni tan-nazzjon Dunkarmjan titbiegħed mill-"comunanza di vita e di coscienza sociale" li kien talab xi Mancini fis-seklu 19 (Cfr. *Diritto internazionale* tal-1873). Għal fehmiet soċjo-demokratiċi dwar l-impenn letterarju cfr. ukoll *Letteratura e vita nazionale*, inkluż f'*L'Età dell'antifascismo e della Resistenza*, Ed. A. Abruzzese, Firenze, 1978).

21. Cardona, bħala l-bijografu ta' Dun Karm, jikkonferma li Dun Karm "ma satax jara l-possibbiltà ta' awtonomija sħiħa" u li fiċ-ċirkostanzi "deherlu li aħjar inxaqilbu lejn il-protettorat Ingliż". Cardona jifhem ukoll li Psaila "kien jimita l-moderazzjoni tal-Panzavecchjani iżda xaqleb lejn l-Ingilterra għax emmen li lill-kolonji tagħha tittrattahom tajjeb". (Taħdita ma' l-awtur preżenti, 27/6/1984). Ta' min iqis ukoll illi, taħt Gvern Kolonjali, Psaila ngħata karigi għolja u kien fdat bil-kumpilazzjoni ta' dizzjunarju li kompla aljenah mill-kitba kreattiva impenjata. F'Ottubru 1956, Dun Karm ingħata l-ġieħ ta' C.B.E. mill-Ingilterra. Dan l-epilogu fil-ħajja tal-poeta jikkuntrasta mal-mewt fl-eżilju ta' xi Dimech, imkeċċi minn Malta mill-Ingliżi nfishom fi żmien Psaila.

22. Ara, "Lil Malta".

23. *Ibid.* u "Lill-Bandiera Ingliża".

24. *Ibid.*, v. 2.

25. Is-siltiet li ġejjin f'dan il-paragrafu huma meħudin minn taħditiet li l-awtur preżenti kellu ma' J.P. Vassallo u Ġ. Diacono bejn Ġunju u Lulju, 1984.

26. "Innu tal-Papa", "Il-Knisja", "Lill-Knisja", fost oħrajn. F'xogħlijiet oħra l-Knisja Rumana hija invokata b'termini politiċi u imperjali; cfr., ngħidu aħna, in-notazzjoni lessikali ta' għażliet bħal *monarchi, corona, repubblica, stato, senato, regno, oste, guerra*, fost oħrajn.

27. O. Friggieri, *op. cit.*, p. 24.



# SAN ĠWANN: RUMANZ STORIKU

MINN
ĠUŻÈ DIACONO

### RUMANZI STORIKO-ROMANTIĊI MALTIN LI DEHRU QABEL "SAN ĠWANN"

*Ineż Farruġ* (1889) ta' Anton Emanwel Caruana; *Alla Ġdid* (1889) ta' Dwardu Cachia; *Il-Barunissa Maltija* (1893) ta' Salvu Frendo de Mannarino; *Dik Xorti!* (1899) ta' Annibale Preca (dawn l-ewwel erba' rumanzi, Patri Edward Fenech O.S.A. jikklassifikahom bħala "storiko-patrijottiċi"); *Nazju Ellul* (1909) ta' Ġużè Muscat Azzopardi; *Marjanna Fumi* (1900), *Xewqa bla Temma* (1907) u *Il-Ġawhra Moħbija* (1907) ta' Pawlu Franġisku Bellanti; *Fil-Ħabs bla Ħtija* (1900) u *Ilsiera tas-Sultan* (1906) ta' Dun Xand Cortis; *Is-Saħħar Falzun* (1910) ta' Wistin Levanzin; *Anġli tan-Niket* (1938) ta' Ġino Muscat Azzopardi; u *Żmien l-Ispanjoli* (1938) ta' Ġużè Galea. Fis-sena 1938 ħareġ ukoll *Taħt Tliet Saltniet* ta' Ġużè Aquilina, li jista' jitqies ukoll bħala rumanz storiko-romantiku, għalkemm fih element soċjali qawwi.

**Storja tar-Rumanz Malti**

**IL-LETTERATURA MALTIJA** għadha żgħira fl-età. Ir-rumanz Malti beda jinkiteb fl-aħħar għoxrin sena tas-seklu li għadda. Kien ta' għamla storiko-patrijottika, u bosta minn dawn ir-rumanzi kienu traduzzjonijiet mit-Taljan. Kien hemm kittieba bħal Anton Muscat-Fenech, Dwardu Cachia, Salvu Frendo de Mannarino u, l-aktar magħruf fosthom, Anton Manwel Caruana, li kiteb l-aqwa u l-aħjar rumanz ta' dawk iż-żmenijiet *Ineż Farruġ* (1889).

Fil-bidu ta' dan is-seklu, ir-rumanz tagħna beda jinfirex f'bosta bixriet, magħduda r-rumanzi psewdo-medjevali ta' kittieba bħal Ġużeppi Cumbo, Arturo Caruana, Emilio Lombardi u xi oħrajn, li bilkemm jistgħu jingħataw importanza letterarja, u r-rumanzi storiko-romantiċi, fosthom xogħlijiet bħal *Is-Saħħar Falzun* (1909) ta' Wistin Levanzin. Sena qabel kien ħareġ ir-rumanz ta' Ġużè Muscat Azzopardi, *Nazju Ellul*, li, bħal *Ineż Farruġ*, għandu importanza kemm storika u kemm letterarja fl-istorja ta' l-iżvilupp tar-rumanz Malti.

Il-fergħat ewlenin differenti li ħarġu mill-għeruq u z-zokk tar-rumanz f'Malta, ma feġġewx waħda wara l-oħra, u anqas ma ġara li xi waħda ħadet post l-oħra, iżda ġie li fl-istess żmien inkitbu rumanzi ta' xejriet u għamliet differenti minn xulxin – dan, madankollu, qed ngħidu għar-rumanzi li nkitbu wara l-fażi bikrija tar-rumanz storiko-romantiku. Illum qed jinkitbu rumanzi ta' bosta ġeneri, anzi ta' kull ġeneru, sakemm wasalna għar-rumanz psikoloġiku.

•jissokta p. 100

# GĦANJA TA' XBEJBA FINLANDIŻA



## ĠUŻÈ CASSAR PULLICINO B'SEJBA ESKLUSSIVA DWAR Ġ.A. VASSALLO

**F'** ***IL-MALTI*** **ta' Ġunju, 1952 kont urejt kif Dwardu Cachia (1858 – 1907) kien qaleb għall-Malti għanja li Luiz de Camoens (1524 – 1580) kien kiteb bil-Portugiż lil tfajla lsira jisimha Bàrbra li minnha kien innamra meta kien fl-Indja. Il-versi bil-Malti ta' Cachia kienu nġiebu mill-Prof. Xavier da Cunha mal-120 traduzzjoni miġburin b'ilsna differenti fil-ktieb** ***Pretidao de Amor*** **stampat f'Lisbona fl-1893.**

Illum biħsiebni nikteb dwar traduzzjoni oħra – did-darba ta' għanja Finlandiża – li l-poeta liriku Ġ.A. Vassallo (1817 – 1868) għamel fl-1857 fuq talba ta' wieħed Żvediż u li kopja tagħha tinsab merfugħa f'arkivju ġewwa Ħelsinki, fil-Finlandja.

Xi snin ilu l-Professur Roberto Wis, ta' l-Università ta' Ħelsinki, kien bagħat lill-Professur Ġużè Aquilina silta minn studju "Traduzioni sconosciute di versi finnici in siciliano, e viceversa" li jinqara fil-ktieb tiegħu *Terra boreale: Studi italo-finlandesi* (Helsinki, Werner Soderstrom Osakeyhtio, 1969, pp. 107 – 121). Is-Sur Evarist Saliba, dak iż-żmien Delegat Permanenti f'Geneva, kien wassal iż-żewġ professuri biex jiktbu 'l xulxin dwar il-Malti, u Aquilina, billi jiena kont diġà interessajt ruħi fil-ħidma letterarja ta' Ġ.A. Vassallo[1], għaddieli l-materjal li kien wasallu u hekk stajt illesti l-kitba bit-tagħrif li qed jidher illum.

L-*Għanja ta' Xbejba Finlandiża* hija lirika qasira tbaqbaq bl-imħabba li biha t-tfajla triq torbot magħha lil ħaninha li jinsab 'il bogħod minnha. Tgħid li jekk tarah mill-ġdid quddiemha tasal biex tbusu, imqar jekk fommu mtabba' b'demm il-lupu; tagħfaslu idu mqar jekk ikun hemm serp fuq subgħajh; u tinsa saħansitra l-laħam mixwi fuq il-mejda tal-qassis biex ma tħallihx jistenna lill-għażiż tagħha li jkun reġa' għandha.

Din l-għanja hija popolari ħafna fil-Finlandja u fl-1913 l-istudjuż Viljo Tarkiainen ħareġ 65 verżjoni tagħha, miġburin minn bosta bnadi ta' dak il-pajjiż. Huwa magħruf li l-ewwel żewġ taqsimiet tagħha jgħoddu sa mis-seklu XVII, u kienu pubblikati fl-1778. Imma kien permezz ta' traduzzjoni bil-Franċiż li għamel il-poeta Finlandiż Frans Mikael Franzén illi dawk il-versi liriċi saru jafu bihom in-nies kolti ta' l-Ewropa; u kellhom suċċess ikbar meta Goethe qalibhom fl-ilsien Tedesk fl-1810 u dehru fl-1836 fl-ewwel volum tax-xogħlijiet tiegħu ta' Poeżija u Proża.

Imbagħad fl-1842 wieħed Żvediż, Gustav Zetterquist, impjegat fi Stokkolma, waħħal f'rasu li jiġbor kemm jista' traduzzjonijiet tal-għanja f'lingwi u djaletti differenti biex il-materjal miġbur ikun jiswa għall-istudju tal-lingwistika komparata. Għal dan il-għan kien stampa folju, bit-traduzzjoni kelma b'kelma bil-Latin, bil-Franċiż u bit-Tedesk, u b'istruzzjonijiet li fuqhom kellhom jimxu t-tradutturi. Ix-xogħol tal-ġabra baqa' sejjer għal ħmistax-il sena sħaħ, li matulhom Zetterquist b'sabar kbir kiteb u bagħat madwar 1,400 ittra, sa ma rnexxielu jkollu 371 verżjoni tal-għanja Finlandiża b'kull xorta ta' ilsna, saħansitra waħda minn Taħiti – uħud minnhom mibgħutin minn studjużi li għadhom magħrufa sa llum, bħalma huma Max Muller, l-orjentalista Bernardino Peyron u l-poeta Taljan Aleardi.

**(Traduction littérale en Italien de la version ci-contre)**

***Chanson d'un jeune fille Finlandaise***

*Oh, se l'amato mio*
*Ritornasse! se il conosciuto da me*
*Comparissemi di nuovo innanzi,*
*Qual bacio gli darei sulla bocca,*
*Fosse pure sua bocca tutta*
*Macchiata del sangue del lupo!*
*Come stringerei la sua mano*
*Fossero anche sue dita cinte di serpenti!*

*Oh, se il vento avesse la ragione*
*E le dolci aure della primavera*
*Parlassero! sarebber queste*
*Andate a portarvi una parola*
*A riportarne un'altra,*
*Avrebber tenuto corrispondenza d'amore*
*Fra gli sposi. –*

*I miglior cibi avrei piuttosto*
*Abbandonati, ed obbliato l'arrosto*
*Sulla mensa del prete,*
*Anzicchè abbandonar colui,*
*Il giovane caro al mio cuore,*
*Colui che d'estate feci legar meco,*
*E d'inverno tenermelo shiavo.*

G.A. Vassallo

Mit-traduzzjonijiet li waslulu Zetterquist ħareġ żewġ manuskritti – wieħed fih il-biċċa l-kbira ta' l-oriġinali, li llum jinsab fil-Bibljoteka Muniċipali ta' Gothenburg, fl-Iżvezja, u l-ieħor, li fih aktarx *kopji* tat-traduzzjonijiet u li kien intbagħat f'Turku, il-Finlandja, bil-ħsieb li jkun ippubblikat mill-Editur J.W. Lillja fl-1859, iżda baqa' ma ħariġx u llum jinsab merfugħ f'Ħelsinki, fl-Arkivju Letterarju tas-Soċjetà tal-Letteratura Finnika, bit-titolu *Anthologie philologique. Monuments pour servire* (sic) *à l'Etude de la Linguistique comparée ou Traductions d'une Rune Finoise en près de 400 Idiomes morts et vivants, de toutes les parties du Monde, mais principalement de l'Europe, Rassemblées par C.G. Zetterquist.*

F'DAN IL-MANUSKRITT ta' Ħelsinki hemm tmintax-il verżjoni mibgħutin mill-Italja, uħud minnhom bit-Taljan letterarju u oħrajn b'xi djalett. Ma' dawn hemm tnejn bl-Isqalli li l-Prof. Wis stampa għall-ewwel darba fil-ktieb tiegħu li semmejna (pp. 112 – 113), li minnu ħadna t-tagħrif li tajna hawnhekk.

• ikompli wara



Langue Maltaise.

Ghania ta xbeiba Finlandisa.

Uh! li chien il mahhbub tighi
Jargia jigi! il maghruf minni
Li chien jargia jidher lejja
X'beusa cont naghtihh fuk fommu,
Imkar fommu chien icun
B'demm id-dib imtabba collu!
X'ghasra cont ideih naghsarlu,
Mkar bil lofagh swiebghu imdaura!
Uh! l'irihh id-dehen chellu,
U il feng hhelu tar-rebbiegha.
Chien jitchellem! chieku dauna
Chelma chienu imorru ~~igibu~~, jehhdu
Chelma chienu jmorru jgibu,
Cliem l'imhhabba chienu izommu
Bein l'aghrajjes. —
L'ahhiar ichel cont actarx
Jen inhhalli, u ninsa il mixwi
Fuk il meida tal kassis,
Jen inchella il dac inhhalli
Iz-zaghzuhh ghaziz ta kalbi
Li fis-saif jen irbatt mieghi
U fix-xitua ilsir zammeit.

Malta, 20 Awissu, 1857.

G.-A. Vassallo, Professeur,



(Traduction littérale en Italien de la version ci-con
Chanson d'une jeune fille Finlandaise.

Oh! se l'amato mio
Ritornasse! se il conosciuto da me
Comparissemi di nuovo innanzi,
Qual bacio gli darei sulla bocca,
Fosse pure sua bocca tutta
Macchiata del sangue del lupo!
Come stringerei la sua mano
Fossero anche sue dita cinte di serpenti!
Oh, se il vento avesse la ragione
E le dolci aure della primavera
Parlassero! sarebber queste
Andate a portarvi una parola
a riportarne un'altra,
avrebber tenuto corrispondenza d'amore
Tra gli sposi. —
I miglior cibi avrei piuttosto
abbandonati, ed obbliato l'arrosto
sulla mensa del prete,
Anzicchè abbandonar colui,
Il giovane caro al mio cuore,
Colui che d'estate feci legar meco,
E d'inverno tenermelo schiavo.

G. A. Vassallo.

Il-verżjoni Maltija ta' Ġ.A. Vassallo, li qed tidher stampata f'Malta għall-ewwel darba u bl-ortografija ta' llum, hija din:

***Għanja ta' Xbejba Finlandiża***

*Uh! li kien il-maħbub tiegħi*
*Jarġa' jiġi! il-magħruf minni*
*Li kien jarġa' jidher lejja*
*X'bewsa kont nagħtih fuq fommu,*
*Imqar fommu kien ikun*
*B'demm id-dib imtabba' kollu!*
*X'għasra kont idejh nagħsarlu,*
*'Mqar bil-lofa' swiebgħu mdawra!*

*Uh! li r-riħ id-dehen kellu,*
*Wil-fewġ ħelu tar-rebbiegħa*
*Kien jitkellem; kieku dawna*
*Kelma kienu jmorru jieħdu,*
*Kelma kienu jmorru jġibu,*
*Kliem l-imħabba kienu jżommu*
*Bejn l-agħrajjes. –*

*L-aħjar ikel kont aktarx*
*Jien inħalli, u ninsa l-mixwi*
*Fuq il-mejda tal-qassis,*
*Jew inkella 'l dak inħalli*
*Iż-żagħżugħ għażiż ta' qalbi*
*Li fis-sajf jien irbatt miegħi*
*U fix-xitwa lsir żammejt.*

Malta, 20 t'Awissu, 1857 — Ġ.A. Vassallo, Professur

**Testo originale in lingua finnica inviato dallo Zetterquist ai traduttori:**

*Jos mun tuttuni tulisi,*
*ennen nähtyni näkyisi,*
*sillen suuta suikkajaisin,*
*olis suu suden veressä,*
*sillen kättä kääppäjäisin,*
*jospa käärme kämmenpäässä.*
*Olisko tuuli mielellisnä,*
*ahavainen kielellisnä,*
*sanan toisi, sanan veisi,*
*sanan liian liikuttaisi*
*kahden kaunihin välillä.*
*Ennen heitän herkkuruuat,*
*paistit pappilan unohdan,*
*ennenkuin heitän herttaiseni,*
*kesän kesyteltyäni,*
*talven taivuteltuani.*

Inġibu issa t-test tat-traduzzjoni bil-Malti mibgħuta minn Ġ.A. Vassallo, flimkien mal-verżjoni bit-Taljan maqluba minnu stess minn fuq l-oriġinal Malti. Mid-data tat-traduzzjoni, l-20 t'Awissu, 1857, jidher li din kienet waħda minn ta' l-aħħar li waslu għand Zetterquist, li kien beda l-ġabra tiegħu ħmistax-il sena qabel, fl-1842. Tant hu hekk li fil-manuskritt it-traduzzjoni Maltija ġġib in-numru 364; jiġifieri warajha seba' oħra biss kien hemm. Minn xi żbalji u xi korrezzjonijiet li hemm fil kitba, sew fit test Malti kif ukoll f'dak bit Taljan, naslu biex ngħidu li dan it-test m'huwiex l-oriġinal li kien bagħat Ġ.A. Vassallo, iżda l-kopja magħmula bħall-oħrajn li hemm fil-manuskritt, minn Zetterquist biex tintbagħat għand l-Editur Lillja.

Ta' min isemmi wkoll illi fuq nett, qabel it-titolu ta' l-għanja, Zetterquist niżżel il-kelmiet *Langue Maltaise*. Dan juri illi wkoll dak iż-żmien kien hemm diġà, fost l-istudjużi, għarfien illi l-Malti huwa lingwa li jixirqilha tkun rappreżentata mat-traduzzjonijiet b'ilsna oħra barranin miġburin minn Zetterquist.

Fl-1857 Vassallo kien għadu ma laħaqx Professur, imma kien igħallem it-Taljan fil-Liċeo. Ma nafux kif kienet waslet għandu l-istedina ta' Zetterquist biex jagħmel it-traduzzjoni. Għandu mnejn li kien irċevieha l-Kan. Paolo Pullicino, id-Direttur ta' l-Edukazzjoni ta' dak iż-żmien, u li dan imbagħad kien għaddieha lil Vassallo billi kien jaf kemm jinqala' għall-versi ta' xeħta lirika. Ftit snin qabel, fl-1853 Pullicino kien semma, f'daħla qasira għall-ktejjeb *Poesie maltesi ad uso delle scuole primarie*, illi flimkien ma' L. Mifsud Tommasi, Ġan Anton Vassallo kien ta "un impulso non indifferente tra noi" għall-kitba tal-poeżija bil-Malti.

1. Ara, fost kitbiet oħra, Ġ. Cassar Pullicino, "Il-Poeżija ta' Ġan Anton Vassallo", fit-Tieni Ktieb ta' *Kitba w Kittieba tal-Malti:* Il-Poeżija sa l-1870 (It-Tieni Taqsima), 1964, pp. 77–113; u "Giovanni Antonio Vassallo e la Poesia Popolare Maltese", fil-*Maltese Folklore Review*, Vol. 1, No. 2 (1963), pp. 85–93. F'dawn l-aħħar snin ħarġu studji wkoll minn oħrajn, eż. O. Friggieri, *Storja tal-Letteratura Maltija: Vol. 1 – Il-Poeżija mill-bidu sa Dun Karm:* Taqsima 4.1 "Ġan Anton Vassallo". KKM, 1979, pp. 129–161; "Gan Antonio Vassallo L'introduzione dell'eredità romantica italiana nella poesia maltese" – Estratto da *Critica Letteraria*, (Napoli) Anno IX, Fasc. IV, N. 33, 1981, pp. 717–744. Ara wkoll A. Cassola, "Ir-Re u Fra Caspru. Favola morale in versi di G.A. Vassallo; un esempio di interventismo linguistico culturale" – Estratto da *Lares*, (Firenze) Anno XLIX, n. 3, 1983, pp. 387–411.





# KOMPONIMENT MUDELL

# IS-SENA 2000

GĦAL MIN JISTA', illum il-ġurnata hawn għamla ta' ajruplani, flok karrozzi. Jiswew mhux ħażin, imma tasal fejn trid malajr, sakemm tibqa' fil-Mediterran. Illum tistħi ssuq karrozza, għax ikollok tibqa' fit-triq. L-iktar mod eleganti hu li taqbad il-lift għal fuq il-bejt u minn hemm ittir bil-magna tiegħek. Dawn il-magni għandhom targa bin-numru li jkun tahom il-kompjuter, imma Alla jaf, in-numru min tridu jarah minn hemm fuq! Il-ġimgħa l-oħra kien hawn ġlieda bil-kif fuq il-bejt tagħna. Xi ħadd ipparkja l-magna tiegħu flok dik ta' min joqgħod fil-flatt Numru 70, li joqgħod ħdejna. Kellu joqgħod idur fl-ajru, jagħti s-sinjali tal-emerġenza!

Illum kulħadd fi flatt joqgħod. Is-sinjuri biss jistgħu jżommu dar fil-kampanja, għalkemm kampanja ma tantx baqa'! Minn Pariġi sa Vjenna hemm djar jew blokki ta' flattijiet tista' tgħid it-tul kollu. Jekk ma tmurx safra fl-ispazju tħossok sa tifga bin-nies li hawn. Għax illum ħadd ma jmut. Irid jiġri xi aċċident jew tkun xiħ ħafna.

Ommi u missieri jiftakru li meta kienu żgħar kienu jisimgħu lil ommhom u 'l missierhom igħidu li meta kienu jmorru l-iskola kienu jsibu l-għalliema biex igħallmuhom. Aħna le. Jien il-kompjuter insib jistennieni biex nitgħallem. Dan sewwa, għax meta jsir strajk, dan ma jaffettwanix. Ir-riżultati tal-eżamijiet insir nafhom dak il-ħin, għax il-kompjuter jikkoreġili malli nwieġeb; u dan kollu bla żball!

Jaf jagħmel kollox ħlief igħix u jħobb.

Ommi u missieri jaħdmu biss erbgħin siegħa bejniethom. Jien nitlef kull paċenzja m'ommi meta tgħidli li dari kienu aħjar. Kif jista' jkun li kienu aħjar bit-theddida ta' gwerra nukleari, ġuħ, mard tal-qalb u kanċer? Illum m'hawn xejn minn dan – kollu spiċċa. Ħadd m'għadu bil-ġuħ. Il-popli kollha saru poplu wieħed. Jiggvernawna l-kompjuters. M'hemmx bżonn niġġieldu imma qegħdin biss nippruvaw ngħixu kemm nistgħu.

Għalhekk il-għadd ta' bnedmin żdied b'mod li jbeżża'. Taċ-Ċina rdoppja. Hawn fl-Ewropa bqajna xi ftit konservattivi f'dan. Il-kredu tagħna sar *Brave New World* ta' Alduous Huxley. Ommi tgħidli li sar hekk għax il-kompjuter ma fehmux. Li ma jogħġobnix fih hu li ma tgħixx iktar minn sittin sena. Imma biex tonqos il-popolazzjoni dan tajjeb.

L-ikel nixtruh imsajjar u lest, jew iffriżat u lakemm issaħħnu. Il-bhejjem qatt m'huma biżżejjed għall-qtil u dan l-aħħar daru wkoll għal tal-ġungla. Biex inpattu għan-nuqqas ta' vitamini li qegħdin jintilfu mill-ikel, neħduhom f'pilloli jew f'likwidu.

Il-gost tiegħi ntir għan-naħa t'isfel ta' Franza biex nieħu għawma u nerġa' lura qabel jidlam. Ma nħobbx insuq il-magna tiegħi bil-lejl u xi mindaqqiet ikollna d-dawl maqtugħ minħabba l-"curfew". Darba ntlift u sibt ruħi xi mkien fil-Mediterran u b'hekk tlift il-liċenzja għal xahrejn. Darba soqt magna ta' ħaddieħor li kienet għoddha spiċċalha l-petrol. Minn dak iż-żmien m'għadnix intir daqskemm kont.

Meta nkun id-dar nitkaħħal quddiem it-televiżjoni. Ir-radju tilef ħafna mill-importanza li kellu. Fil-għodu naħli xi kwarta nagħżel x'sa nara fuq it-televiżjoni. Tgħidx kemm indum inħammem u ntalla' u nniżżel! Il-Westerns ma jogħġbunix għax fihom ħafna sparar u fuq kollox ma jmorrux mat-twemmin fil-paċi li qegħdin nimxu fuqu f'dawn iż-żmenijiet.

Jekk ma nkunux l-iskola jew għax-xogħol, inkunu d-dar, quddiem it-televiżjoni, jew nagħmlu l-isports, naqraw jew inżuru l-postijiet fid-dinja jew fl-ispazju. Imma jaħasra, ir rata tat tniġġis qatt ma kienet għolja daqshekk! Invadejna anki l-ispazju!

MARLENE MIFSUD



Ġ. Ellul Mercer (1897 – 1961).

**Xi tagħrif li qed jidher għall-ewwel darba dwar J.F. Marks**

# SOĊJO-REALISTI MADWAR ELLUL MERCER (1)



J.F. Marks fl-età ta' 25 sena. (Bil-kortesija ta' E. Cassola, bintu)

**FL-1932, IL-GVERN PRO-TALJAN ta' Enrico Mizzi kien qed iwettaq fl-iskejjel ta' l-Istat riforma fl-alfabett biex l-ortografija Maltija tibqa' kondizzjonata minn sekli twal ta' influwenza mill-penisola Taljana.[1] Lil Mizzi, li dak iż-żmien kien ukoll Ministru ta' l-Edukazzjoni, kienu qegħdin jopponuh ideoloġikament nies bħal Ellul Mercer, Ġwann Mamo, Ġużè Bonnici, Ġużè Orlando u Ġino Muscat Azzopardi, J.F. Marks, fost oħrajn, li lkoll riedu jnebbħu lill-ħaddiema dwar it-turufnament mentali tal-klassi l-baxxa f'idejn il-privileġġati.**

Kien iż-żmien meta Enrico Mizzi, waqt *vermouth d'onore* fi Triq *Quattro Novembre* f'Ruma, stqarr illi Malta hija "l'ultimo lembo del suolo italico".[2] Meta kien Ruma f'Ottubru ta' l-1931, Mizzi ltaqa' wkoll mal-mexxej Taljan Benito Mussolini fis-sala *verde chiara* tal-*Palazzo Chigi*, filwaqt li fit-triq, l-iskritti tal-*Balilla* daqqew *Giovinezza*.[3] Ellul Mercer u sħabu, influwenzati mill-ħsieb soċjo-politiku ta' Manwel Dimech (1860 – 1921) ikkumbattew dawn l-ideat bil-qari u t-tixrid ta' letteratura rivoluzzjonarja li, b'danakollu, ma naqsitx li tnissel fihom "ċertu taqlib minħabba l-qari ta' awturi tqal".[4]

Il-battalja tagħhom ħadet ukoll ċertu aspett anti-klerikali, u dan minħabba t-tendenza spissa li qassisin lokali u barranin saħqu mhux biss dwar il-ħtieġa tas-sottomissjoni tal-poplu, iżda wkoll dwar il-ħtieġa li tkun imħarsa f'Malta l-lingwa Taljana akkost ta' kollox: lingwa u reliġjon tħalltu u tqallbu flimkien kif juru diskorsi bħal dak li l-Kardinal M. Lega, Isqof ta' Frascati għamel f'Ruma:

> *"Il-lingwa Taljana f'Malta għandha tkun imħarsa ġelożament u reliġjożament difiża, għaliex hija l-fortizza qawwija tal-purità tal-Fidi Kattolika fl-imħuħ u l-qlub tat-twajjeb Malti."*[5]

Stqarrijiet bħal dawn nisslu antagoniżmu naturali f'Mercer u sħabu, li dak iż-żmien kienu msieħbin f'xirka ta' Dimechjani li bejn l-1930 – 32 kienet tiltaqa' f'dar ġewwa *Fifth Street*, l-*Imsida*, żmien li fih Ellul Mercer kien iħossu "għajjien mentalment".[6]

L-awturi li semmejna impenjaw ruħhom b'letteratura soċjo-politika permezz tal-ġeneri lettero-ġurnalistiċi, poetiċi, novellistiċi u anki drammatiċi. Huwa f'dan il-kuntest li f'dan l-artiklu xtaqna ngħidu xi ħaġa dwar JOHN FRANCIS MARKS (1894 – 1954), wieħed mill-pijunieri soċjo-realisti li, b'xorti ħażina, sa issa ma ngħata l-ebda importanza fil-ġrajja tal-letteratura Maltija. Marks, imfisser minn dawk li kienu jafuh bħala "wieħed mill-ewwel soċjalisti ġenwini hawn Malta",[7] kien bniedem ta' kultura vasta, dejjem moħħu "kif ser igħallem u jgħin lill-ħaddiema".[8] L-eqred ħbieb tiegħu kienu Ġużè Ellul Mercer u Ġino Muscat Azzopardi u t-tlieta li kienu kienu igħaddu ġranet twal flimkien jiddiskutu fid-dar li Ġwann Mamo (1885 – 1941) kien jiffrekwenta ta' spiss fix-Xemxija.[9]

## FAVUR IL-ĦADDIEMA

L-istess bħal Ellul Mercer, Marks kien jaqra ħafna, u l-librerija li ħalla warajh tinkludi diversi xogħlijiet ta' Dostojevski (ir-Russu sentenzjat għall-mewt fl-1849 minħabba l-attività politika tiegħu u li fl-aħħar mumenti nbidlitlu s-sentenza fi priġunerija b'xogħol iebes fis-Siberja), Georges Sorel, Herbert Spencer (magħruf bħala wieħed mill-intellettwali ta' quddiem nett lejn tmiem is-seklu 19) u George Bernard Shaw, id-drammaturgu Fabjan li ħadem ta' pijunier bħala drammaturgu b'impenn favur l-edukazzjoni tal-mases ħaddiema.[10]


AVUC: I:- Iscot quiet. Sejra favur Taljana.
MAG:- (Icompli jittraduci bit-taljan, u ma tewwel chelmiet, b'cumbinazioni ihares icrah min fuk in nucciali lejn Xandru) Fra alcuni.....
XAND:- Francuni mur ent. Dina dejja kelliè darb' ohra, ghax jien nifom bit-Taljan. Hakk... xhasibni li jien xi arjurant... (Jghamel distorbiu)
XENA VI
Żeża tarġia tidħol.
ŻEŻA:- (Lill Xandru) Xi grolec Xand?
XAND:- Iridu jibghetuni Francuni.

***Facsimile* tal-parodija-farsa *Il-Lingwa Nostra*, manuskritt inedit li Marks lesta fl-24.4.1932, għall-okkażjoni tal-festa ta' *Jum il-Ħaddiem*, iċċelebrata fit-teatru San Ġorġ ta' Bormla fit-30 ta' April, 1932.**

Marks kien infurmat ukoll politikament permezz ta' bosta teżijiet ta' politikanti barranin. Wieħed mix-xogħlijiet favoriti tiegħu kien *Blackmail or War* (1938) ta' Genevieve Tabouis, trattat dwar ir-regħba bla mistħija ta' gvernijiet totalitarji. Fis-snin Tletin, J.F. Marks kien implikat ukoll fil-każ li l-Pulizija ta' Malta kienet qanqlet kontra persuni li kellhom "letteratura sedizzjuża". Xi xogħol ta' Marks kien suġġett għas-suspetti tal-Gvern Imperjali minħabba artiklu storiku-fantastiku, *Maleth* (1933). Effettivament, dan ix-xogħol kien meqjus bħala wieħed sedizzjuż. Waqt il-kawża l-Professur Augustus Bartolo, hu nnifsu bniedem letterat u traduttur għat-teatru, qal hekk fid-difiża:

> *"Dan l-artiklu jagħmel ġieħ lill-ħila fil-kitba ta' l-awtur, u huwa prova ċara li turi li bl-ilsien Malti nistgħu ntieħmu l-aqwa u l-ogħla ħsibijiet."*[11]

L-aqwa xogħol letterarju ta' Marks huwa *Tejbilhom Ħajjithom*,[12] li kien deher serjelizzat bejn l-1937 u l-1938 f'erba' faxxikli, bil-ħsieb li l-qarrejja "jġemmgħuhom u jillegawhom bi prezz irħis fil-ħanut ta' C. Carabott f'Numru 104, Triq San Pawl, Bormla, u dan biex il-ħaddiema jingħataw l-opportunità li jixtru kotba bi rħis, bil-ftit il-ftit, biex ma jħossuhiex."[13]

## L-Introduzzjoni tal-Lingwa Maltija

FLIMKIEN MA' MOSÈ GATT u Ġużè Attard Bezzina, J.F. Marks ħadem bla heda fuq abbozz storiku għall-*Introduzzjoni tal-Lingwa Maltija fi Proċeduri Legali fil-Qrati tal-Maestà Tiegħu.* L-abbozz ta' din il-Liġi, li kien inkluż fil-Manifest Elettorali tal-*Compact Parties* tal-Konti G. Strickland u l-Laburisti Maltin fl-1927, ingħata l-ewwel qari mit-Tabib Pawlu Boffa (1890 – 1962), mexxej tal-*Labour Party*, f'sessjoni ta' l-Assemblea Leġislattiva fit-22 ta' April, 1929. L-abbozz ingħata l-aħħar qari fis-6 ta' Mejju, 1929, u għadda mill-istadji kollha bi 17-il vot kontra 9 wara diskors twil ta' Boffa, li tkellem bil-Malti.[14]

Il-ħidma favur il-lingwa Maltija minn Marks u sħabu kienet maħsuba mhux biex tirromantiċizza l-ambjent skwallidu u mentalment fqir tar-raħħala u l-kampanjoli, iżda bħala għodda ttemprata favur il-qawmien tal-klassi tal-ħaddiema, dispożizzjoni li tidher fil-ħafna kitbiet li Marks u sħabu (taħt isimhom jew b'diversi psewdonimi)[15] kienu jxandru f'gazzetti bħal *Dr. Xekkek, Labour Opinion, Il-Kotra, Il-Ħmara,* il-*Malta Chronicle*, fost oħrajn.

Fl-1930, Marks ħadem biex tinfetaħ fl-Isla, belt twelidu, il-*Kamra tal-Qari Malti*, lokal maħsub biex ikompli jxerred il-qari bil-Malti. Marks żejjen is-sala b'ritratti kbar ta' G.A. Vassallo, Manwel Dimech, A.M. Galea, P.P. Saydon, Ninu Cremona u Dun Karm Psaila, fost l-oħrajn.[16]

Fl-1932, meta l-kwistjoni tat-Taljan fil-Qrati kienet qed tikkawża ferment, Marks, li bħal Ellul Mercer, Ġ. Muscat Azzopardi u Ġ. Orlando kien jemmen fil-valur tat-teatru[17] bħala strument ta' istruzzjoni tal-kotra tal-ħaddiema, kiteb parodija, *Il-Lingwa Nostra*,[18] xogħol li sa llum għadu ma kien ippubblikat imkien (ara l-*facsimile*), u li, permezz ta' qagħdiet farseski, indagat il-frustrazzjonijiet tal-klassi tal-ħaddiema fil-konfront ta' l-avukati u l-imħallfin.

L-involviment tiegħu favur il-klassi tal-ħaddiema wasslu biex jidħol fit-trejdunjoniżmu bħala l-protagonista tad-*Dockyard and Imperial Workers Union*[19] u wkoll biex jikteb mingħajr tlaqliq dwar l-inġustizzja tal-jeddijiet "inumani" tal-Pulizija bis-saħħa tas-setgħa tal-prekwiżizzjoni li kienet tagħtihom il-Liġi.[20] Il-ħniena u l-mogħdrija tiegħu għall-klassi tal-ħaddiema, li f'dawk is-snin ta' għaks u esplojtazzjoni kienet tgħix bil-loqom u fil-ħafa,[21] nebbħet lil Marks biex jikteb rakkonti bħal *Serq! Serq!*,[22] ġrajja patetika dwar familja ta' ħaddiema li ċ-

Ritratt tat-tieġ ta' Marks ma' Emanuela Said, 26.8.1920. (Kollezzjoni: Familja Cassola)





Ritratt tal-familja Marks fl-1902, meta John Francis (fl-art, fuq il-lemin) kien għad kellu tmien snin. (Ritratt bil-kortesija tal-familjari tiegħu)

ċirkustanzi jwasslu lill-missier biex jiġġennen u lill-omm biex "tittallab bieb, bieb, imqattgħa u mċerċra". Il-kriminalità mnissla mill-kondizzjonijiet imwiegħra tal-klassi tax-xogħol tixref f'novella bħal *Kixxief-il-Għelt*,[23] filwaqt li fil-ġrajja "semi-storika" *Ċaqliq l-Art*,[24] Marks jieħu bħala l-punt ta' tluq il-"metalli, imsieħen u gassijiet dejjem jinħarqu" biex joħloq sitwazzjoni ta' paniku popolari provokat minn "dnubietna (li) qegħdin iħabbtuna", sintomi ċari tal-kondizzjoni destituta tas-sotto-proletarjat Malti.

Bħal Marks, il-kuxjenza ta' nies bħal Ġużè Ellul Mercer, Ġwann Mamo, Ġino Muscat Azzopardi u Ġużè Orlando, fost oħrajn, kienet issensibbilizzat ruħha kontra l-mit u l-paganeżmu aljenanti tal-kotra tal-Maltin; kien għalhekk, ngħidu aħna, li għal festa ta' belt twelidu, J.F. Marks kien jipperswadi lill-ħaddiema li l-flus li s-soltu jintnefqu fil-ħruq tal-murtali aħjar "jiġġemmgħu biex jinxtraw pakki ta' l-ikel għall-gzuz foqra li għandna jiġru mas-saqajn."[25]

**MARIO AZZOPARDI u ĠORĠ MIFSUD**

1. Ġ. Diacono, *L-Ortografija u l-Alfabett ta' l-Għaqda (1921)*, manuskritt inedit, 1977.
2. *Dr. Xekkek*, 7.11.1931.
3. *Ibid.*
4. *Tagħrif* lil Mario Azzopardi minn Salvu Borg waqt intervista li saritlu f'Sawmill Street, l-Imsida, 18.7.1984.
5. Ara, Mons. C. Farrugia, *Discorsi Sacri*, Vol. II, 1928 (Malti ta' l-*Għaqda*).
6. *Tagħrif* minn S. Borg, *cit.*
7. *Tagħrif* mogħti lil M. Azzopardi mis-Sinjura A. Muscat Azzopardi, armla ta' Ġino, direttur ta' ġurnali li ffurmaw kuxjenza nazzjonali dwar il-kawża tal-kotra tal-ħaddiema fis-snin Għoxrin – Tletin; intervista 20.7.1984.
8. *Tagħrif* mogħti lil M. Azzopardi mis-Sinjura Ethel Cassola, bint J.F. Marks, fid-dar tagħha f'St. Andrews, 25.7.1984.
9. *Tagħrif* minn E. Cassola, *ibid.*
10. Fost il-ħafna kotba li ħalla warajh Marks, hemm, fost oħrajn, *An Outline of Modern Belief, Modern Science, Modern Thought and Religious Thought* (3 Volumi) ta' J. Sullivan u W. Giers; żewġ volumi dwar l-istorja tad-dinja (H.G. Wells, Ed. 1925); u *The Complete Works of Henry George* (Ed. 1911).
11. Ara J.F. Marks, *Kelmtejn Qabel*, daħla għal *Tejbilhom Ħajjithom*, April, 1937. Għal dettalji dwar il-*Każ ta' Sedizzjoni*, ara, E.C. & A.A., *Il-Qawmien tal-Ħaddiem Malti* (Freedom Press, 1971), p. 83.
12. Mitbugħ fl-istamperija *The New Art Press*, Tas-Sliema, 1937; Marks ippubblika r-rumanz bil-motto *In Labore Dignitas* stampat fil-qoxra ta' quddiem.
13. E. Cassola, *Tagħrif, cit.*
14. Il-Proklamazzjoni tal-Liġi saret fl-4 ta' Novembru, 1929.
15. J.F. Marks uża, fost oħrajn, dawn il-psewdonimi: *J.M.C., Il-Malti, Marjon* (anagramma), *Sargo, Labourite, A Worker, Dr. Xammem, Pheon, Nunquam Dormio, Dr. Werwer, Dr. Għaffiġlu, Ġianni, Malti Dejjem, Jos Omardo.*
16. Ġ. Azzopardi, *Il-Fundaturi tal-Partit tal-Ħaddiema* (SKS, 1984), p. 113. Ara wkoll Ġ. Ellul (Mercer), notament fi *Il-Kotra*, 11.9.1930.
17. Għad irid isir studju dwar is-sehem soċjali tat-teatru f'Malta; dan il-ġeneru ta' spiss ħa forma farseska iżda fid-dawl tat-teoriji Freudjani dwar l-umoriżmu farsesk, din l-attività soċjali tista' tfettaħ interpretazzjonijiet soċjali validi ħafna. Għall-interpretazzjoni soċjo-psikoloġika tal-farsa u tal-ġest buffesk, ara, fost oħrajn, J.M. Davis, *Farce*, Metheun, Londra, 1978 u W.W. Willeford, *The Fool and His Sceptre, A Study in Clowns*, E. Arnold Publishers Ltd., Londra, 1969.
18. Manuskritt għand ulied J.F. Marks.
19. Cfr. *The Sunday Times*, 4.11.1979, 11.11.1979, 5.6.1983.
20. Ara l-artiklu *La Toqtolx*, imxandar fl-ewwel faċċata ta' *Il-Kotra*, 6.4.1933.
21. Għal deskrizzjoni ġenerali tal-miżerja li kienet teżisti f'Malta fi żmien J.F. Marks u sħabu ara *Ritratti Mill-Istorja*, kronaka dettaljata miġbura minn E. Bartolo (Ed. *Il-Ħsieb*), 1982 – 84.
22. *Dr. Xekkek*, 19.11.1932.
23. *Ibid.*, 21.1.1933.
24. *Ibid.*, 11.3.1933.
25. E. Cassola, *Tagħrif, cit.*

# Semantika (5)

## Żvilupp fis-sens: (2) Trasferiment Metaforiku

FL-ARTIKLU TA' QABEL DAN bdejna naraw b'liema mod il-kliem jibdel is-sens. Sibna li permezz ta' żewġ distinzjonijiet binarji prattiċi naslu biex narmaw sistema bi tliet tipi ewlenin. Ġo kull wieħed minn dawn it-tipi nistgħu mbagħad nagħmlu għażliet oħra, ifjen, li jagħtuna taqsimiet sekondarji. Id-dijagramma li qed inġibu hawn taħt turi l-kategoriji u t-taqsimiet li armajna s'issa:




Intennu wkoll li d-differenza bejn *spostament* u *trasferiment* hi li f'ta' l-ewwel *is-sens* (li aħna naraw bħala ġemgħa ta' komponenti) jiġi modifikat f'wieħed mill-komponenti, filwaqt li f'tat-tieni s-sens jinbidel radikalment hekk li s-sens il-ġdid u dak qadim ikollhom biss komponent wieħed *in komuni* (mhux bilfors komponent-qofol).

F'dan l-artiklu se neżaminaw it-*trasferiment metaforiku* u se nibdew billi niċċaraw il-mekkaniżmu tal-metafora u nintroduċu l-kliem tekniku meħtieġ. Fil-metafora aħna nieħdu kelma li għandha ċertu sens u napplikaw din l-istess kelma f'sens ġdid fuq il-bażi ta' xi xebh li naraw bejn iż-żewġ ħwejjeġ fid-dinja ta' barra. Hekk ngħidu aħna naraw kappell forma ta' ċilindru u nxebbhuh mat-tomna li biha nkejlu l-qmuħ. B'hekk il-kappell ukoll nibdew insejħulu *tomna*. Issa billi l-kejl klen iġib l-isem *tomna* qabel il-kappell, il-kejl ngħidu li hu d-*donatur* filwaqt li l-kappell ngħidu li hu r-*riċevitur*. Ix-xebh bejn iż-żewġ oġġetti, il-forma u l-qies, insejħulu l-*bażi* tal-metafora.[1]




Hija l-*bażi*, jiġifieri n-natura ta' dan ix-xebh, li taqdina biex narmaw taqsimiet sekondarji fil-kategorija tal-metafora. Ix-xebh jista' jkun *oġġettiv* jew *emottiv*. Ikun xebh oġġettiv meta jkun ġej mid-donatur u r-riċevitur infushom. Ikun xebh emottiv meta ma jinsabx fihom iżda fina – fl-atteġġjament, fl-apprezzament tagħna tad-donatur u r-riċevitur, fil-valuri li naraw fihom, jiġifieri xebh fl-effett li t-tnejn għandhom fina. Fix-xebh oġġettiv nistgħu nkomplu nagħżlu bejn żewġ għamliet, skond jekk il-bażi hix formali jew funzjonali. Għal darb'oħra mela, għandna żewġ distinzjonijiet binarji li jagħtuna tliet taqsimiet:




L-eżempji li ġejjin se jżidu jiċċaraw in-natura ta' dawn it-taqsimiet. Mit-taqsima tal-metafora formali nistgħu nagħtu:

*ħalla:* 'munzell ta' ħxejjex jew tagħam maħsuda mir-raba'' ⟶ 'mewġa kbira u għolja ta' baħar';[2]
*kokka:* 'tajra magħrufa' ⟶ 'qagħda bl-irkubbtejn kważi jmissu mal-wiċċ';
*borġ:* 'torri' (mill-Għarbi بُرْج bl-istess tifsira) ⟶ 'gods ħwejjeġ mitfugħin fuq xulxin, eċċ.';
*ħalba:* 'ħarġa ta' ħalib minn driegħ ta' annimal b'għafsa' ⟶ 'bexxa xita bil-qawwi li tibda u tieqaf f'daqqa';
*xatba:* 'għodda tal-bidwi li biha jkisser it-tub u jwitti l-art wara li jkun ħaratha' ⟶ 'għamla ta' bieb ta' l-injam fl-egħlieqi'.

Ix-xebh formali jista' saħansitra jkun fil-ħoss:

*karwat:* 'il-ħoss li tagħmel il-mitħna hi u titħan[3] goff' ⟶ 'ħoss ta' maltempata riesqa, b'mod partikulari l-ħoss tar-ragħad'.

It-tieni taqsima hija tal-metafori fejn il-bażi hija xebh funzjonali. Hawn irridu nifhmu xebh fil-ħidma, jew fir-riżultat, jew fit-tnejn li huma. *Eż:*

*mazzun:* 'ġens ta' ħut żgħir li jibla' kulma jersaq[4] lejh' ⟶ 'bniedem li jemmen kulma jgħidulu',
*sangisug:* 'ħanex parassit li jarda' demm il-bniedem' ⟶ 'wieħed li jisfrutta lil għajru';
*ħasad:* 'qala' l-uċuh mill-ħamrija bil-minġel' ⟶ 'ta qatgħa u qabbeż mill art lil xi ħadd';
*stim:* 'fwar mill-misħun li jintuża bħala għajn ta' enerġija' ⟶ 'molla ta' arloġġ, ġugarell jew magna ċkejkna, li jkebbibha muftieħ'.

Niġu għat-tielet taqsima – metafora emottiva jew valutattiva – u naraw li x-xebh din id-darba mhux fis-sustanza, la tad-donatur u lanqas tar-riċevitur, iżda fil-valur li naraw fihom, jew xebh fir-reazzjoni li jqanqlu fina – ta' għoġba, ta' ferħ, ta'

• ikompli f'paġna 101



# LINJI ĠODDA: POEŻIJA TA' TENSJONI

Il-poeżija moderna hija prodott tas-snin sittin f'Malta. Din hija poeżija li nħolqot bħala reazzjoni għall-poezija tradizzjonali. Bħala reazzjoni rajna l-poeti jinqatgħu konxjament mill-wirt letterarju ta' Dun Karm. Inħasset il-ħtieġa li jwessgħu l-għalqa ta' tiġribhom u li jwessgħu l-għalqa ta' kif jesprimu dan it-tiġrib.

Il-personalità ta' Dun Karm ma baqgħetx tissinkronizza mal-personalità tal-poeti l-ġodda. Kien hemm differenza fl-età, fl-aspirazzjonijiet u fil-ħtiġijiet psikoloġiċi u filosofiċi. Il-poeti l-ġodda xorbu minn egħjun differenti. Il-klassiċi Latini u Taljani kienu l-bażi ta' Dun Karm. Il-poeżija Ingliża u Amerikana xorbot moħħ il-poeti l-ġodda. Il-ħtieġa ta' bidla fit-tema u l-espressjoni tat-tema hija karatteristika f'kull għalqa ta' attività tal-bniedem. Dan wassal għall-qtugħ bejn iż-żewġ ġenerazzjonijiet.

Hija tendenza naturali fl-istess lingwa li nużaw fil-ħajja ta' kuljum li tiġġedded minn żmien għal ieħor. L-ebda kelma ma tgħixx għal dejjem. Kull kelma jkollha żmien speċifiku li tgħixu, imbagħad tmut biex tħalli post għal kelma oħra. Il-ġdid jaqla' l-qadim.

Dun Karm ħass il-ħtieġa li jissieħeb, konxjament jew inkonxjament mal-proċess naturali tal-lingwa – it-tiġdid semantiku. Il-lessiku u s-sintassi ta' Dun Karm huma 'żvilupp' fuq il-poeżija popolari ta' qabel żmienu. Il-poeti moderni ssieħbu f'dan il-proċess ta' tiġdid semantiku, iżda b'aktar ħeffa u b'mod splussiv. Id-*dinja-raħal* ta' Dun Karm issa kienet tbiddlet fid-*dinja-belt*. Kif jiġri fil-lingwa, il-lessiku u s-sintassi jitbiddlu minn ambjent għal ieħor. Għalhekk dan seħħ ukoll fil-poeżija.

Ir-restrizzjonijiet taċ-ċensura ta' Malta kolonja, ta' inibizzjonijiet u ta' limitazzjonijiet fl-egħlieqi tat-tiġrib li setgħu jitfissru fil-poeżija, issa kienu tbiddlu. L-arja kienet miftuħa għal ideat aktar. Psikoloġikament il-poeti moderni kienu aktar interessanti. Ma kinux jafu sewwa sew fejn huma. Il-'jien' tagħhom kien imfarrak. Kienu jaqraw u jassimilaw ħafna. Dan min-naħa tiegħu mhux dejjem kien jaqbel mad-dinja 'pwerili' tagħhom (il-mod kif trabbew). Biex tagħqad, mhux kulħadd kellu din is-sensittività. Għalhekk inħasset il-ħtieġa b'mod intwittiv li jseħħ tiġdid semantiku immedjat.

Taħt l-influwenza tal-psikoloġija u l-antropoloġija, il-modernisti bdew ifittxu d-dinja tas-subkonxju, l-Afrika interjuri ta' ġo fina (Sartre). Din id-dinja m'għandhiex il-loġika tad-dinja li nafu biha. Il-loġika tagħha timxi fuq il-loġika tal-ħolm, tal-preżenzi ta' l-immaġni. Dan kollu nissel il-ħtieġa ta' mod espressiv ġdid.

Il-poeti fl-istess ħin kienu għadhom żgħażagħ. Hija karatteristika taż-żagħżugħ li jkun splussiv, ma jaħsibhiex, ikun idealista, ma jomgħodhiex. In-nevrożi personali trid toħroġ. Il-poeżija hija valv tajjeb biex toħroġ din in-nevrożi. L-ilsien Malti, intimament marbut ma' moħħna, ma kellux jieqaf f'dak li huwa Semitiku. L-ilsien kif mitħaddet, mgħejjun mil-kliem u l-kunċetti assimilati minn ilsna barranin, kellu jgħin biex il-poeta jesprimi lilu nnifsu. Mhux importanti 'il-messaġġ'. L-importanti hu li l-poeta jesprimi lilu nnifsu. Il-lingwa fiha nnifisha, bl-isfumaturi kollha tagħha hija veikolu tajjeb biżżejjed biex igħin lill-poeta jwassal l-għajta tiegħu dwar in-nuqqas ta' ċertezzi, il-ma-nafx-fejn-jien, 'id-dħaħen' ta' moħħu.

Hu f'dan il-kuntest li nistgħu nifhmu d-devjazzjonijiet stilistiċi tal-poeżija moderna taħt it-tliet aspetti li ġejjin:

*IL-LESSIKU:* Dinja komplikata teħtieġ dinja lessikali komplikata. Għalhekk il-lessiku ma setax jibqa' l-lessiku ristrett tar-raħal. Daħal il-lessiku tax-xjenza:

*marsus kien l-univers; fgata f'ċilindru dejjaq*
(*Dawl*, A. Mizzi)

Il-lessiku kattoliku ħa dimensjoni ġdida. Daħal ukoll kliem minn mitoloġija u d-dinja xjentifika flimkien (*Ix-xmara ta' Lete, Fuga*, O. Friggieri); *torso t'Adonis* u *siġra ġo Fden* fil-poeżija *Abort* ta' D. Massa). Il-lessiku kompla jistagħna bil-lingwaġġ psikoloġiku, bl-arċetipi tar-ritorn lura lejn il-ġuf. L-egoċentriżmu huwa indikat f'*Sitwazzjoni 10 battal* ta' M. Azzopardi. Daħal lessiku li qabel kien itarrax meħud mid-dinja ta' l-amministrazzjoni (*Burokrazija*, V. Fenech); *fossilizzat* u *sterili* ta' M. Azzopardi lanqas ma jagħmlu parti mid-dekorum tal-poeżija tradizzjonali. Iżda huwa dan it-tiġdid semantiku li proprju jgħin fil-ħolqien ta' poeżija ġdida.

• ikompli wara

# • • LINJI ĠODDA

*IS-SINTASSI:* Is-sintassi tat-taħdit klassikeġġanti u romantiċizzat issa tat lok għal sintassi li trid tesprimi d-dinja ġdida tas-seklu għoxrin. L-ilsien Ingliż flimkien ma' strutturi sintattiċi li jikkaratterizzaw ilsna tal-mitoloġija daħlu fil-poeżija moderna. Din is-sintassi tat lok għal sentenzi bla verb, inverżjonijiet, aġġettivi flok nomi u viċi-versa. L-istruttura skond il-grammatika preskrittiva kellha tkun riveduta, u dan biex tiġġedded il-ħajja poetika.

*IL-FIGURI TAD-DISKORS:* Il-metafora hija l-għodda bażika fil-poeżija l-ġdida. M'hijiex il-metafora mejta, iżda l-metafora oriġinali, għall-inqas meta tittieħed fil-kuntest Malti. L-istess bħal-lessiku, il-metafora trid tiġġedded biex b'hekk iktar toħroġ l-emozzjoni li jkun irid jipproetta l-awtur. Ħafna drabi l-metafora sservi bħala awtodefinizzjoni tal-poeta nnifsu. Waqtiet tkun fis-singular. Drabi oħra fil-plural. F'dan il-każ, il-poeta jilbes il-kwalitajiet li nassoċjaw ma' dik il-kelma biex isseħħ il-metamorfosi (*Jien id-deżert għatxan ta' l-Arizona*, A. Mizzi), (*tabernakli tal-pilloli* jew *ukoll ir-rummien jolfoq meħlus meta jixpakka*, M. Azzopardi).

Is-similitudni moderna ħafna drabi hija oriġinali u tappella għall-immaġinazzjoni. Dan jiġri minħabba li l-poeta jibni sensiela ta' immaġni li juru kemm il-poeta huwa sensittiv għall-intietef li fil-ħajja ta' kuljum jaħarbulna (*Bħal petali ta' warda mormija/ġo konka minsija/ma' nżul ix-xemx/nixfet l-imħabba*, D. Massa).

F'tentattiv biex it-tensjoni psikika juruha viżwalment fuq il-karta, il-poeti l-ġodda jużaw il-vers proettiv, nuqqas ta' punteġġjatura u tixrid tal-versi 'l hawn u 'l hinn. B'mod intuwittiv dan igħin biex jitwassal aktar l-istat mentali tal-poeta (ara l-fehmiet ta' M. Azzopardi nnifsu fil-ktejjeb *Fl-Isfond ta' Linji Ġodda*, Merlin Library, 1983).

Minn dan kollu naraw il ħtieġa istintiva tal-poeti tas-snin sittin li jipproettaw il-qagħda psikika tagħhom mingħajr restrizzjonijiet fuq il-'forma mentis' tagħhom. Il-moħħ aġitat jesprimi ruħu b'mod aġitat. Għalhekk il-forma u l-kontenut tal-poeżiji jitolbu li jagħtu d-dehra ta' din l-aġitazzjoni. Il-kalma ta' wara t-tempesta kien għad fadlilha biex tiġi għal ħafna minn dawn il-poeti. It-trażżin fil-forma kien ifisser il-kompromess ma' l-ordni stabbilita kemm dik letterarja kif ukoll soċjali u politika. Għalhekk dawn il-poeżiji nistgħu nqisuhom (jekk irridu nagħtuhom tabella) bħala poeżiji 'konfessjonali' fi tradizzjoni oħra, din id-darba ta' *The New Lines* u *The Movement*.



**Il-Marki tat-Tradizzjoni: Jien u Art Twelidi. Impressjoni artistika ta' Augusto Cardinale (1984).**

Id-devjazzjoni min-norma tinħass b'mod impulsiv, għalkemm ma jonqsux waqtiet li huma sfurzati jew li għandhom mill-moda tal-'gimmicks'. L-immaġni fortizza tal-moħħ tal-poeta u ta' l-ambjent li xorob minnu bdiet tinħall. Dan kellu l-ħtieġa li jsib metodi ġodda ta' espressjoni, li kienu jaqblu maż-żminijiet.

**TARĊISJU ZARB**

## • *SAN ĠWANN (jissokta minn p. 92)*

L-istess rumanz storiko-romantiku baqa' ġej tista' tgħid sa żmienna bis-saħħa ta' Ġużè Galea, Ġino Muscat Azzopardi, Ġużè Cardona u l-Għawdxi Ġorġ Scicluna, waqt li fl-istess żmien kienu qed jiżviluppaw fergħat oħra, bħar-rumanz soċjali u saħansitra r-rumanz realistiku, li ra l-bidu tiegħu bir-rumanz ta' Ġużè Ellul Mercer, *Leli ta' Ħaż-Żgħir* (1938), xogħol realistiku għall-aħħar f'dawk li huma ġrajjiet u karattri, għalkemm mhux għal kollox fid-djalogar, kif ukoll b'novelli ta' Ġino Muscat Azzopardi u Ġużè Diacono. *Id-Dinja Rota*, l-aħħar rumanz storiko-romantiku ta' Ġużè Galea, ħareġ fl-1966. Madankollu, l-aħħar xogħol ta' Ġużè Galea kien rumanz soċjali qasir, *Fiex Wasalna!* (1974)

Dan mhux xi fenomenu limitat għal-letteratura tagħna biss, għax, ngħidu aħna, wara li fi Franza Gustave Flaubert b'*Madame Bovary* u rumanzi oħra qiegħed is-sisien tar-realiżmu fir-rumanz, u warajh aktar saħħaħhom Emile Zola, fl-istess Franza bis-saħħa ta' kittieba bħal Victor Hugo, u f'artijiet oħra bħall-Ingilterra u l-Germanja, ir-rumanz romantiku baqa' għaddej b'qawwa, għadilli ħjilijiet ta' realiżmu ma naqsux, bħalma nsibu f'inħawi tar-rumanzi ta' Thackeray u Trollope. Tabilħaqq, sa mis-sena 1751, Henry Fielding tana eżempju bikri ta' realiżmu soċjali. Imma mbagħad ara l-popolarità li gawda Charles Dickens bir-rumanzi romantiċi u anki melodrammatiċi tiegħu.

Ta' min igħid li kien Sir Walter Scott (1771 – 1832) li beda l-ġeneru storiko-romantiku, li, wara kollox, f'bosta elementi tiegħu, ftit li xejn huwa differenti mir-rumanz storiko-patrijottiku. Mill-Ingilterra, l-istil ta' rumanz li beda Scott xtered mad-dinja. Dawk iż-żmenijiet il-kuntatti letterarji u kulturali tagħna kienu ma' l-Italja, u aktarx li kienu r-rumanzi storiko-romantiċi jew storiko-patrijottiċi Taljani – bħal *I Promessi Sposi* (1827) ta' Alessandro Manzoni, *Ettore Fieramosca* ta' Massimo D'Azeglio (1833) u Marco Visconti (1834) ta' Tommaso Grossi li influwenzaw lir-rumanz Malti, għalkemm it-Taljani firxu fuq tilari wisq aktar vasti ta' ġrajjiet u persunaġġi milli l-kittieba Maltin.

•jissokta f'ħarġa oħra

# IT-TRASFERIMENT METAFORIKU

• **minn paġna 98**

stmerrija eċċ. Kulħadd jaf kif nitkellmu dwar il-persuna li nħobbu: insejħulha *qalb(i), ġawhra* jew *teżor*. Bil-maqlub, dwar xi ħadd li jdejjaqna ngħidu *kankru* jew *kallu*.[5]

Kultant il-metafora tant titbiegħed mill-komponenti-qofol li tispiċċa biex tistrieħ fuq komponent ferm supplementari – xebh fil-qawwa, fl-intensità li għandhom fuqna d-donatur u r-riċevitur. Tant l-intensità hi kollox, li l-kwalità tar-reazzjoni tagħna ssir irrilevanti, biex ma ngħidux ukoll li r-reazzjoni tagħna għad-donatur tkun f'direzzjoni opposta għar-reazzjoni tagħna għar-riċevitur:

| *DONATUR* | *BAŻI* | *RIĊEVITUR* |
| --- | --- | --- |
| *skumnikat* ⟶ | intensità ta' emozzjoni ⟶ | 'fuq ruħu, mimli enerġija' |
| *babaw* ⟶ | ⟶ | 'sabiħ ħafna'[6] |

Kulħadd kellu l-okkażjoni jisma' lil min isaqsi lill-missier dwar bintu: 'Allura dil-kerha ta' min hi, tiegħek?' F'wieħed mid-drammi ta' Francis Ebejer koppja miżżewġin "jikkumplimentaw" lil xulxin b'dan il-kliem, f'kuntest li juri ċar li t-tnejn jinħabbu tabilħaqq:

LINA: Dnub m'hawnx bjut oħra mal-ġenb. Kieku naħrablek.
ALDO: Ipprova, *xiħa*.
*(Taptipa fuq wiċċha, taparsi daqqa ta' ħarta).*
LINA: *Żmagat*.

Ta' min iżid igħid li f'dal-każ it-trasferiment hu dejjem ta' kelma b'sens offensiv użata bħala kumpliment. Din it-tendenza ġiet osservata minn diversi studjużi barranin f'ilsna oħra. Dr. David Cohen semma l-fenomenu *kakofemija*,[8] u Gustaf Stern li ġabar bosta eżempji mill-Ingliż fisser il-fenomenu hekk: "meta nixtiequ nfissru emozzjoni qawwija li tagħtina gost, malajr tiġi f'moħħna espressjoni marbuta ma' emozzjoni li tnikkitna, u aħna naċċettawha bħala simbolu xieraq, filwaqt li nagħlqu għajnejna għal dik li hi l-kwalità ta' emozzjoni".[9]

Hemm ħafna x'wieħed jistħarreġ fil-metafora, iżda fil-wisa' limitat ta' dan l-artiklu ma fadlilniex post ħlief biex naraw tendenza interessanti fil-metafora. Sikwit niltaqgħu ma' kliem użat f'sens metaforiku li bħallikieku jwitti t-triq lil kliem ieħor mill-istess sfera semantika, biex hu wkoll jagħti l-qabża semantika. Din it-tendenza se nagħtuha l-isem ta' *tixrid sinonimiku*,[10] għax il-kelmiet, meħudin mill-istess sfera, ġaladarba jgħaddu għas-sens il-ġdid, isiru fil-fatt sinonimi. Fil-Malti nsibu dawn l-iskemi għal tixrid sinonimiku:

SENS EWLIENI — SENS TRASFERIT

(oġġett użat għat-tagħrif tad-dar) ⟶ (persuna ta' kondotta morali ħażina)

Eż: *broxk, paljazza, xkupa, imselħa*

SENS EWLIENI — SENS TRASFERIT

(ikla sempliċi) ⟶ (xogħol li sar mgħaġġel u ħażin għall-aħħar)

Eż: *froġa, kawlata, għasida, ftira, qassata*
(u minn hawn l-użu trasferit tal-verbi:)
*kawlat, għassad, fattar*



DUN KARM



TEMI ZAMMIT



FRANCIS EBEJER

**Il-mekkaniżmu metaforiku jsib xorti kbira ma' l-awturi.**

SENS EWLIENI — SENS TRASFERIT

(Qala' qoxra/ġilda minn oġġett/ġisem) ⟶ (seraq)

Eż: *barax, giref, selaħ*
(u jekk stess mhux sinonimi madankollu joqorbu:)

Eż: *nittef, qaxxar* ⟶ ('seraq' jew 'ħa ftit ftit, bis-sewwa jew bid-dnewwa fil-logħob')

Dan huwa biss ħjiel ta' l-iskemi ta' tixrid sinonimiku li għandna fil-Malti. Jeżistu bosta skemi oħra. Ikun tassew interessanti kieku jseħħilna nsibu liema kelma mill-ġemgħa ntużat l-ewwel fis-sens trasferit u b'hekk wittiet it-triq għas-sinonimi l-oħra. Dan hu xogħol ta' sabar u tiftix bir-reqqa f'bosta pubblikazzjonijiet għal eżempji ta' kliem użat fis-sens il-ġdid. Nittamaw li xi ħadd 'il quddiem jidħol għal xogħol bħal dan.

## NOTI

1. Din l-analiżi tal-metafora hija xogħol I.A. Richards li f'*The Philosophy of Language* (London, 1936) juża t-termini *vehicle, tenor* u *ground*. Oliver Friggieri japplika din l-istess analiżi fl-istudju *Mekkaniżmi Metaforiċi f'Dun Karm* fejn jaqleb it-tliet kelmiet hekk: *wiċċ, mera* u *lewn*, (ara, ibid;, pp. 7–8).

2. Is-sens 'munzell ... eċċ.' tal-keima *ħalla* hu fil-fatt sens *riċevitur*. Id-*donatur* hi حَلَّة fil-Għarbi, li għandha s-sens 'ġewlaq kbir tal-qasab'.

3. Is-sens ta' *karwat* mogħti hawn fil-fatt hu trasferiment (metonimiku) li ħareġ mis-sens 'taħan oħxon u goff'.

4. Osserva li '... jibla' kulma jersaq lejh' hu komponent supplementari. Mela kif għedna f'artiklu 4, il-komponent komuni għad-donatur u r-riċevitur jista' jkun ukoll supplementari.

5. Ftit aktar minn mitt sena ilu kienu popolari l-metafori *ċmajra* u *pesta* għal bniedem li ma tantx wieħed iġerrgħu.

6. Metafora emottiva li llum m'għadhiex popolari hi l-użu ta' *ħali* għal xi ħadd li jiġbdek b'persuntu jew bi mġibtu. Ara n-novella "Franswà" ta' Sir Temi Zammit (*Il-Malti*, Marzu, 1929) p. 8.

7. Silta minn *Tliet Drammi* ta' Francis Ebejer (Klabb Kotba Maltin, 1973) p. 48.

8. Aqra l-pubblikazzjoni tiegħu *Études de Linguistique Sémitique et Arabe* (Mouton, 1970) pp. 88–89.

9. Gustaf Stern *Meaning and Change of Meaning* (1931). Stampat mill-ġdid fil-Greenwood Press (Connecticut, 1975) p. 323. Silta maqluba għall-Malti mill-awtur.

10. It-tendenza li hawn tajnieha l-isem ta' *tixrid sinonimiku* nsibuha taħt l-isem *synonymic radiation* u *analogical metaphors* fl-Ingliż. Fil-Franċiż Pierre Guiraud jagħtiha bħala *derivation synonymique* u Bruno Migliorini fit-Taljan *Irradiazione Sinonimica*.

**GEORGE DOUBLESIN**

# خطوةً خطوةً إلى المستوى العادي
# Pass pass lejn il-Livell Ordinarju

**F'din is-sensiela se nibdew l-Għarbi mill-*bidu nett*. Filwaqt li niżżuħajr lil Alfred Zerafa, nawguraw li l-qarrejja jibdew jieħdu tagħlim l-Għarbi bis-serjetà kollha li jixraqlu. (*Il-Bord Editorjali*)**

## الحُرُوفُ الهجائيَّة

| **L-Alfabett ( هجاء ) fih 28 ittra** | **Il-ħoss ta' l-ittra** | **L-Isem ta' l-ittra** | **L-ittra** |
|---|---|---|---|
| | a | alif | ا |
| | b | bee | ب |
| | t | tee | ت |
| Il-pronunzja hija bħat-(*th*) fil-kelma Ingliża *'think'* | th | thee | ث |
| | ġ | ġim | ج |
| Tippronuzjaha billi toħroġ ħafna nifs mill-pulmun b'ċerta qawwa | ħ | ħa | ح |
| Il-pronunzja hija bħal (*kħ*) fil-Malti *'kħal'* | kħ | kħa | خ |
| | d | del | د |
| Tippronunzjaha billi l-ilsien jitqiegħed bejn is-snien bħal (*th*) fil-kelma Ingliża 'that' | th | thel | ذ |
| | r | raa | ر |
| | ż | żej | ز |
| | s | sin | س |
| | x | xin | ش |

| | Il-ħoss ta' l-ittra | L-Isem ta' l-ittra | L-ittra |
|---|---|---|---|
| Hija *s* enfatika (qawwija) | ṣ | ṣad | ص |
| Hija *d* enfatika (qawwija) | ḍ | ḍad | ض |
| Hija *t* enfatika (qawwija) | ṭ | ṭaa | ط |
| Hija *dz* enfatika (qawwija) | dz | dzaa | ظ |
| | għ | għajn | ع |
| Hija *r* Maltija qawwija ħafna u tixbah lill-ittra (r) fil-Franċiż | għ | għajn | غ |
| | f | fe | ف |
| Il-ħoss tal-*k* mill-gerżuma | q | qaf | ق |
| | k | kaf | ك |
| | l | lem | ل |
| | m | mim | م |
| | n | nun | ن |
| Din hija l-akka fil-Malti, iżda fl-Għarbi tinħass bħall-*'h'* tal-kelma Ingliża *'hello'* | ħ | ħe | ه |
| | u, w | waw | و |
| | j | je | ى |
| Il-ħoss tal-*q* fil-Malti ———— | | ħamża | ء |

*Nota:* L-ittri b'tipi ġriżi ma jingħaqdux ma' ta' warajhom

| IL-VOKALI L-QOSRA | | IL-VOKALI T-TWAL | |
|---|---|---|---|
| ـَـ | "el-fetħa", ħoss ta' (e) | ا | (alif), il-ħoss ta' (e) twila |
| ـِـ | "el kasra", ħoss ta' (i) | و | (waaw), il-ħoss ta' (u) twila |
| ـُـ | "ed damma", ħoss ta' (u) | ي | (jeeq), il-ħoss ta' (i) twila |

Għandna nżommu f'moħħna li l-Għarbi jinkiteb mil-lemin għax-xellug.



**(beb)** بَب ← ب ب

**Il-fetħa titqiegħed fuq l-ittra u l-ħoss tagħha huwa ta' (e)**

**(beeb)** بَاب ← ب ا ب

Bejn il-(be) fil-bidu tal-kelma u l-(be) fl-aħħar tal-kelma, issa żidna l-(alif) u din tawlet il-ħoss tal-fatħa.

---



**(fil)** فِل ← ف ل

Il-kasra titqiegħed taħt l-ittra u l-ħoss tagħha huwa ta' (i)

**(fiil)** فِيل ← ف ي ل

Bejn il-(fe) fil-bidu tal-kelma u l-(lem) fl-aħħar tal-kelma, issa żidna l-(jeeq) u din tawlet il-ħoss tal-'kasra'.

---



**(ful)** فُل ← ف ل

Id-damma titqiegħed fuq l-ittra u l-ħoss tagħha huwa ta' (u)

**(fuul)** فُول ← ف و ل

Bejn il-(fe) fil-bidu tal-kelma u l-(lem) fl-aħħar tal-kelma, issa żidna l-(waaw) u din tawlet il-ħoss tad-damma.

---

**•jissokta**



# Mingħand il-Qarrejja

*Mis-Sillabu* għad jitqies bħala l-aqwa rivista ta' kritika letterarja li qatt dehret għal-librerija Maltija. Meta tant materjal jinstab bħala għajnuna għall-istudent f'suġġetti oħra, quddiem il-livell tal-Matrikola Ordinarja u Avvanzata, din ir-rivista kienet meħtieġa kemm għall-istudent kif ukoll għall-għalliem tal-Malti. Ħtieġa li stajt inħossha u naraha meta f'Jannar 1982 ma'.grupp ta' studenti tal-Malti fin-*New Lyceum* bdejna noħorġu rivista simili ma' Frans Sammut bl-isem *Nixxiegħa* u bl-għajnuna tal-għalliema l-oħra, fiha konna nxandru xi taħditiet kritiċi u wkoll intervisti mal-kittieba li kienu jinsabu fis-sillabu mhejji għall-Malti Avvanzat.
Illum, bis-saħħa ta' din ir-rivista naf li dak l-isforz ma sewiex għalxejn. Waqt li huwa "Mis-Sillabu" għandu jkun ukoll "għas-sillabu". Kif ħabbart fl-editorjal f'ħarġa nru. 3 ser tibda tixxandar taqsima ġdida bl-isem "Kotba għal Idejk"; imma din il-paġna tista' sservi bħala introduzzjoni għal kotba li 'l quddiem tajjeb li jsibu ruħhom fis-sillabu. Tajjeb li l-kopertina, bħall-paġni ta' ġewwa, fil-futur tibda tkun illustrata wkoll. Kienet idea sabiħa li taħsbu għall-istudenti li qed ihejju għall-i*School Leaving Certificate* ta' l-Għarbi. Prosit tassew għall-intervisti, għall-profil fuq Ġużè Delia S.J. (profili li għandhom jissoktaw fil-futur u anki jintroduċu kittieba ġodda); għan-noti fuq is-Semantika ta' George Doublesin u nispera li r-rapport ta' l-eżaminaturi jibqa' jidher wara kull sessjoni.

**Joesph Borg**
**Ħal Balzan**

Nixtieq nifraħlek għall-Editorjal sabiħ tiegħek fil-ħarġiet nri. 2 u 3 kif ukoll għall-attenzjoni li l-Bord Editorjali qed jagħti għas-suġġerimenti tagħna. Għalkemm ħriġtu tliet numri fi żmien daqshekk qasir, l-ebda wieħed mit-tlieta ma jagħmel għajb lill-ieħor.

**Jimmy Callus**
**Il-Għargħur**

Għoġbitni ħafna t-tweġiba bl-Ingliż ta' Peter Vassallo għall-artiklu ta' Paul Xuereb. Nittama li dan il-bilanċ jinżamm u nixtieq li jibdew jiktbu fir-rivista kittieba stabbiliti fil-Malti. B'hekk huma wkoll jagħtuna l-fehmiet tagħhom fuq l-ewwel nofs tas-seklu għoxrin.

**Adelaide Farrugia**
**Il-Mosta**

Wara l-intervista li kien hemm miegħek fuq il-komponiment ġenerali, nixtieq nissuġġerilek li tibda tagħtina l-qafas ta' bosta mis-suġġetti ġenerali li jħobbu jistaqsuna fuqhom fl-eżami. Veru li l-komponiment mudell ta' Marlene Mifsud għoġobni ħafna, u diġà ktibt ieħor bħalu bejn Vassalli u Dun Karm, imma ma jistax ikun li noqogħdu nitgħallmuhom bl-amment. L-aħjar tagħtuna l-puntini u kulħadd jiżviluppahom kif jogħġbu hu. Għax ħafna mill-għalliema li kelli dejjem kienu jagħtuna marka baxxa fil-komponiment ġenerali u qatt ma kienu jissuġġerulna l-ideat tagħhom. Dejjem kienu jaqgħu fuq l-ortografija u l-lezzjoni tinħela, jew aħjar tintuża, għall-grammatika biss. Fil-fatt fl-eżami ftit hemm taħriġ grammatikali u ma nafx għalfejn l-enfasi kbira fil-Malti fuq din il-grammatika biex letteratura għandna xorti nagħmlu lezzjoni waħda f'ġimgħa! Imma l-aħħar xahrejn ta' qabel l-eżami ġenn sħiħ biex illestu l-kotba u aħna fil-klassi tellieqa waħda mal-lezzjoni biex illaħħqu ma' l-għalliem u biex nissellfu mingħand xulxin in-noti ta' xi għalliema oħra tal-Malti.
Ir-rivista tiegħek mhux biss qed tnaqqsilna dan il-ġenn, imma qed iġġagħal lilna, u milli qed nara, lill-għalliema tagħna biex il-lezzjoni jibdew jagħtuhielna bis-serjetà fuq il-letteratura.

**Ġina Chircop**
**Ħal Għaxaq**

Prosit lil Alfred Zerafa u lilek għall-kitbiet tagħkom fuq l-Għarbi. Għala ma tibdewx l-Għarbi mill-bidu nett? xi wħud mill-konsonanti għadni lanqas naf nippronunzjahom u naf li sħabi fil-klassi huma agħar minni għax jien niġi l-ewwel waħda fil-klassi. U fl-Għarbi hemm jew m'hemmx vokali? Għax l-għalliem tagħna dejjem igħidilna biex ma nagħtux kas ta' dawn l-affarijiet! U l-Għarab, lingwa biss għandhom? Għandhom jew ma għandhomx letteratura bħalma għandna aħna bil-Malti u l-Ingliżi bl-Ingliż?

**Sandra Muscat**
**Il-Blata l-Bajda**

L-intervista ma' Ġorġ Mifsud fuq il-komponiment ġenerali swietli ħafna. L-għalliem tagħna qagħad jaqrahielna fil-klassi kelma b'kelma u qagħad ifissirhielna. Suġġerimenti prattiċi hekk irridu aħna. Il-mudell ta' Marlene Mifsud irridu aktar bħalu. U jekk jogħġbok, mhux biss għal-Livell Avvanzat!

**John Fenech**
**Ħal Qormi**

Il-kitba ta' Francis Ebejer dejjem togħġobni. Għalkemm qiegħda nistudja għal-Livell Avvanzat, id-dramm tiegħu *Ħitan* xorta qrajtu biex nista' nifhem il kummenti tiegħu fuqu u biex norbtu u nara kif jaqbel mad-drammi li għandna għal-Livell Avvanzat. Fil-fatt sibt ħafna punti filosofiċi ta' qbil. Bħalissa qed naqra r-rumanzi tiegħu bl-Ingliż.

**Silvana Sant**
**Marsaxlokk**





# PHILIP SCIBERRAS

## L-IRONIJA TAL-MANDALA

IL-POEŻIJA TA' PHILIP SCIBERRAS, wieħed mill-poeti illi, fis-snin sittin, ingħaqdu biex jiffurmaw il-Moviment Qawmien Letterarju, tiġbor fiha s-sensibbiltajiet diversi li mmarkaw dik l-epoka mqallba, fejn il-poeżija l-ġdida għaddiet vot ta' sfiduċja fl-istrutturi, il-formaliżmi u t-temi tradizzjonali. Stħarriġ mill-qrib tal-poeżija ta' Sciberras jista' juri illi huwa dam ma nfatam għal kollox mill-binja tradizzjonali u x-xogħol tiegħu donnu li serva bħala pont ta' tensjoni bejn il-qadim u l-ġdid.

Iżda fl-aħħar mill-aħħar, Sciberras jibqa' leħen ewlieni li ħabbar il-mewt tal-forom konvenzjonali, l-istess kif kienu għamlu l-poeti Anglo-Amerikani li ddikkjaraw il-funeral tal-Vittorjaniżmu poetiku (cfr. Cleanth Brooks: *The Modern Poet and the Tradition*).

Il-manifest essenzjali ta' Sciberras, li llum huwa wkoll membru parlamentari fuq in-naħa tal-Gvern, huwa wieħed li jiddikjara aġitazzjoni kontinwa kontra l-ipokresija. Armat b'tagħbija filosofika minn Kierkegaard, Horderlin u ħassieba Russi, Sciberras jersaq bil-ħeffa lejn dik li llum hija magħrufa bħala "id-djalettika ta' l-eżistenzjaliżmu nisrani" li tinteressa ruħha mill-"ekonomija tas-salvazzjoni". F'dan id-disinn eżistenzjalista, ir-ruħ, filwaqt li tħaddan is-salib tas-sinċerità, tfittex bla heda tifsira Kristjana għall-martirju ta' l-għajxien, li ħafna drabi jirrifletti ruħu f'poeta li jħoss lilu nnifsu bħal manekin misjuq minn destin li jaħbat ser jitlef kull sens. Minn din id-dispożizzjoni ġejjin ukoll il-burdati ta' telqa li jagħmlu użu sħiħ minn parafrasi ta' simboliżmu kattoliku aġġornat, marbut l-aktar ma' l-idea tal-kruċifissjoni.

F'Sciberras tintlemaħ ukoll it-tensjoni bejn il-mottiv tas-salvazzjoni morali u dak li juri n-nadir ta' l-abbiss tal-kondizzjoni umana, bħallikieku t-triq li titbiegħed mill-ipokresija jeħtieġ li tintmexxa fi vjaġġ li kontinwament ifakkrek fl-infern. Donnhom li l-uniċi waqtiet ta' serħan għall-poeta huma dawk li jgħaddi ma' bintu ċkejkna, personifikazzjoni intima tas-sinċerità u ta' l-innoċenza li għadha m'hix intossikata bir-residwi tal-ħtija kollettiva. Mill-bqija, il-poeta jeżisti f'temporanjetà kruċifissata mifhuma bħala l-essenza tad-destin tiegħu bħala artist, senswali kemm trid iżda msammar ma' l-għuda ta' l-intellett nervuż li jikkondizzjonalu ħajtu.

*Mandala*, l-isem magħżul għal din il-ġabra ta' poeżiji, jiġbor fih xogħlijiet li Sciberras kiteb bejn l-1963 u l-1983, għoxrin sena li, fil-kumplessità fiżika u mentali tagħhom, jidhru li xejħuh qabel il-waqt, l-aktar minħabba n-nuqqas ta' ċertezza tradizzjonali li, bħal oħrajn kontemporanji tiegħu, għażel li jilqa' Sciberras. Huma spissi l-waqtiet ta' solilokju li jinvadu l-poetika ta' Sciberras u f'dawn il-mumenti l-poeta jaċċerta d-diżintegrazzjoni mistħajla tiegħu billi jqabbel lilu nnifsu mal-vittma li ddaħħaq:

*amletu jgerger solilokju ta' kumplessi*
*fuq kranju ta' xi buffu*

L-idea sublimizzata tal-ġenn tissaħħaħ permezz ta' nebhiet minn erwieħ bħal Nietsche u Dostojevski u l-poeta ta' spiss isib ruħu emarġinat, jikkuntempla "il-metafiżika tal-mewt" bħala l-akbar verità tal-preokkupazzjoni l-iktar ġewwiena ta' l-eżistenza tiegħu, limitata biż-żmien u bl-ispazju. F'dan il-kuntest Alla huwa mixtieq kontinwament, imqar jekk fil-kunċett tad-Divinità Sciberras ta' spiss jilmaħ kontradizzjoni polari bejn il-bniedem li jġarrab u "d-destin" indifferenti. Anki hawn, tirbaħ ir-rassenjazzjoni li taċċetta l-mewt bħala l-bidu tal-vjaġġ l-ieħor, kundizzjoni li tnissel talba diretta lil Alla Bibbliku, il-"Mulej" liturġiku li ossessjona lil diversi poeti kontemporanji ta' Sciberras. F'waqtiet bħal dawn, ir-reġistru ta' Sciberras huwa ntunat b'mod penitenzjali, jittallab il-"maħfra u mogħdrija", jixxennaq mitikament għall-"ħajja ta' dejjem" (ara, fost oħrajn, il-poeżija *Kollox Għandi Lest*).

Il-kelma Induwista *Mandala* normalment tintrabat mar-rappreżentazzjoni ta' ċirku maġiku maqsum f'erbgħa, li ċ-ċentru tiegħu huwa okkupat mill-primat ewlieni, il-Bniedem; il-*mandala* hija wkoll ir-raffigurazzjoni simbolika ta' l-atomu nukleari fil-Bniedem, essenza kompleta iżda misterjuża. Ironikament, fil-poeżija tiegħu li ġġib dan l-isem u li tagħlaq l-antoloġija, Sciberras juża l-*mandala* mhux f'sens ta' maġija eżaltanti, iżda bħala qafas tond ta' priġunerija: il-*Bniedem il-Kbir* li normalment huwa preżenti f'nofs iċ-ċirku maġiku, fir-repertorju ta' Sciberras isir konglomerazzjoni ta' ansjetajiet li jbeżżgħu, kunflitti nawżjanti li jinkorporaw lill umanità kollha, li tmur lura sa żminijiet imbegħdin u primittivi, punteġġjati bir-ritwali tal-"waħx". Minflok l-armonija magħrufa li soltu jissuġġerixxi ċ-ċirku tal-*mandala*, Sciberras juża dan is-simbolu sagru biex jaċċentwa disperazzjoni iżolata li hi tiegħu daqskemm hi ta' l-umanità.

**MARIO AZZOPARDI**